**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 28 ta` Frar 2017**

**Kawza Nru. 2**
**Rik. Nru. 47/16 JZM**

**Dominic Camilleri**
**(ID 514881M)**

***kontra***

**Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors prezentat fis-16 ta` Mejju 2016 li jaqra hekk:–

*1. Illi fi Frar 2004 il-Pulizija kienu arrestaw lill-esponenti fuq suspett ta` involvement tieghu f`reati assocjati mal-qsim tad-droga. Hu kien irrilaxxa zewg stqarrijiet lill-Pulizija, wahda fit-tlettax ta` Frar 2004 u wahda fl-erbgha u ghoxrin ta` Frar 2004 ;*

*2. Illi l-esponent wiegeb domandi li sarulu mill-Pulizija u ta risposti altament inkriminanti minghajr ma la nghata xi forma ta` twissija biex ikun mgharraf li kull risposta li ser jaghti kienet ser tintuza kontrih (kif fil-fatt gara) u lanqas kellu d-dritt tal-assistenza legali ghax il-ligi kienet tippreкludi dan ;*

*3. Illi fit-28 ta` Ottubru 2008 l-esponent tressaq il-Qorti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fis-17 ta` Frar 2014 din sabitu hati tad-delitt ta` traffikar ta` droga u kkundannatu ghall-piena ta` tmintax-il xahar prigunerija effettiva u ghall-piena ta` multa ta` disa` mija u hamsin Ewro (€950) ;*

*4. Illi l-esponent appella minn din is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, liema appell ghadu pendenti ;*

*5. Illi <u>l-unika prova</u> li l-Pulizija gabet kontrih fil-process kriminali u li ghalih il-piena massima hija l-ghomor il-habs kienu appuntu l-istqarrijiet inkriminanti li huwa rrilaxxa lill-istess Pulizija meta huwa la kien inghata t-twissija u lanqas kellu l-jedd jitlob ghall-assistenza legali ;*

*6. Illi ma ngiebet ebda prova ohra li setghet tinkrimina lir-rikorrent tant li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) stess osservat hekk fis-sentenza taghha :*

*"Illi jirrizulta car mill-provi appena esposti illi l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat **jistriehu interament** fuq l-istqarrijiet rilaxxati minnu fit-13 ta` Frar 2004 u fl-24 ta` Frar 2004 rispettivament" [Enfasi tal-esponenti]*

*7. Illi hu ben car li meta huwa kien interrogat mill-Pulizija u rrilaxxa dawk l-istqarrijiet inkriminanti dak sar fil-qafas tal-investigazzjoni, anke jekk kien stadju inizjali ;*

*8. Illi in vista tal-insenjament kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, specjalment fil-kazijiet **Salduz v Turkija** u **Borg v Malta** (2016), l-applikant sofra u qed isofri lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu taht l-Artikoli 5(1), 5(4), 6(1) u 6(3), kif ukoll tal-Artikolu 13, tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem meta stqarrija nkriminanti li huwa rrilaxxa waqt l-investigazzjoni ta` reat kriminali ntuzat kontrih minghajr ma hu seta` jitlob assistenza legali ghax il-ligi kienet tipprojbih ;*

*9. Di fatti fil-kaz ta` **Borg v Malta** li gie deciz f`Jannar 2016 (App. Nru. 37537/13), l-istess Qorti Ewropea rritentiet illi d-dritt tal-assistenza legali*

*ghandha tkun ir-regola generali u tali dritt ghandu jinghata **mill-istadju inizjali tal-investigazzjoni** salv f`cirkustanzi eccezzjonali. Kompliet ittenni li d-dritt tad-difiza jkun ippregudikat meta persuna **taht investigazzjoni** taghti stqarrija fejn tinkrimina lilha nnifisha minghajr ma tkun inghatat id-dritt illi tikkonsulta ma` avukat tal-fiducja taghha. Inoltre, l-istess Qorti rriteniet illi c-cahda sistematika ta` dan id-dritt huwa leziv tal-Artikolu 6 u cioe` dak ghal smigh xieraq ;*

*10. Illi fl-opinjonin separata tieghu, l-Imhallef Pinto De Albuquerque mill-istess Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza ta` **Borg v Malta** (2016) qal illi s-sentenza tal-Qorti Ewropea ta` **Salduz** kienet tammonta ghal "constitutional instrument of European public order" u li ghandha "peremptory character" ;*

*11. L-istess Imhallef stqarr fi kliem car li **Salduz** kienet "a principle of law" u li l-Qorti Ewropea ghamlitha "crystal-clear……towards reinforcing the right to legal assistance for defendants **from the very beginning of the investigation** and particularly when in police custody or during police questioning" ;*

*12. Illi l-esponent jaghmel ukoll referenza ghal para. 56 tas-sentenza ta` **Borg v Malta (2016)** biex ittenni ghala qed jilmenta, inter alia, minn ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea :*

*"Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the ourt will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the veruy essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree be democratic societies (see Salduz v Turkey [GC], no. 36391/02 § 54, ECHR 2008)" ;*

*13. Illi hu fatt li meta l-esponent gie nterrogat fit-tlettax (13) u l-erbgha u ghoxrin (24) ta` Frar 2004 u rrilaxxa dawk l-istqarriji nkriminanti lill-Pulizija, li kienu u huma l-unika provi li ngabu kontrih fil-process kriminali, kellu l-piena ta` ghomor il-habs insita fih (altru milli "serious charges") u dan meta hu ma kellux id-dritt tal-assistenza legali ghax il-ligi ma kinitx tipprovdi ghal dan ;*

*14. Illi ghalhekk inkisru d-drittijiet tal-esponenti kif imharsa taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*15. Illi bl-agir illegali tieghu, l-intimat qieghed jikser sija l-kelma u sija l-ispirtu tal-Brighton Declaration ta` April 2012 u li Malta ffirmat, fejn il-Ministri kollha tal-Kunsill tal-Ewropa qablu li jintrabtu li jaghtu widen immedjat lis-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li f`dik id-Dikjarazzjoni tintqal li hija "is-sors awtorevoli tal-Konvenzjoni Ewropea" ;*

*16. Illi l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea jimponi l-principju tal-legalita` ta` kull privazzjoni ta` liberta` personali. Ebda detenzjoni ma hija permissibbli jekk mhux bazata fuq ligi. L-Artikolu 5 (1)(3) tal-Konvenzjoni jaccetta d-detenzjoni ta` imputat wara sentenza kriminali – basta dik is-sentenza tkun skont il-ligi ("the LAWFUL detention of a person after conviction by a competent court") ;*

*17. Illi s-sentenza li kkundannat lill-esponent il-habs hija LLEGALI ghax tivvjola l-Konvenzjoni Ewropea u l-principji bazici legali stabbiliti mill-Qorti Ewropea f`**Salduz** u **Borg**. Hu minn ewl id-dinja li ma jistax ikollok LAWFUL detention ibbazata fuq il-ksur tal-Konvenzjoni Ewropea ;*

*18. Illi l-principju tal-legalita` ta` KULL detenzjoni huwa wkoll il-bazi tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni li jistabbilixxi li l-ebda persuna ma tista` tigi mcahhda mill-liberta` personali hlief kif awtorizzat skont il-ligi. Id-detenzjoni tal-esponent li gie kkundannat ghaliha m`hijiex skont il-ligi, anzi HIJA KONTRA L-LIGI, ghax tivvjola l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319) ;*

*19. Illi daqstant iehor hu fatt li l-ligijiet tal-pajjiz ma humiex jipprovdulu rimedju "effettiv" skont kif iridu sija l-Artikolu 5(4) u sija l-Artikolu 13 tal-konvenzjoni Ewropea biex ikun jista` jerga` jgwadi l-liberta` tieghu, minnha mcahhad frott sentenza llegali tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta` Frar 2014 ;*

*20. Illi ghalhekk ukoll l-esponent inkisrulu d-drittijiet tieghu kif imharsa taht l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ;*

*21. Illi dan kollu jwassal lill-esponenti jilmenta minn ksur tal-Artikoli 5(1), 5(4),6(1), 6(3) u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta ;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-onorabbli Qorti :-*

*(a) Tiddikjara li l-istqarrijiet li ttiehdu mill-Pulizija tar-rikorrent fit-tlettax (13) u u l-erbgha u ghoxrin (24) ta` Frar 2004 u sussegwentement esebiti fil-proceduri kriminali kontrih, ittiehdu u gew esebiti bi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent kif imharsa fl-Artikoli 5(1), 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta ;*

*(b) Tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali tas-17 ta` Frar 2014 hija llegali u nulla stante li hija bbazata unikament fuq stqarrijiet mehuda bi ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrent hekk kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ;*

*(c) Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet tal-esponent hekk kif sanciti fl-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta` Maltau l-artikoli 5,6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem billi takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi nkluz li tordna t-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali tas-17 ta` Frar 2014, u li tqieghed lir-rikorrent fil-pozizzjoni tieghu qabel ma ttiehdu l-istqarrijiet bi ksur tad-drittijiet tieghu, u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni ;*

*(d) Tillikwida kumpens xieraq u adegwat ghad-danni, inkluz dak morali, li sofra l-esponent ;*

*(e) Tordna lill-intimat ihallas lir-rikorrent il-kumpens hekk likwidat.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li kienet prezentata fit-2 ta` Gunju 2016 li taqra hekk :–

*Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma fis-sens illi "in vista tal-insenjament kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, specjalment fil-kazijiet Salduz v. Turkija u Borg v. Malta (2016), l-applikant sofra u qed isofri lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu taht l-Artikoli 5 (1), 5 (4), u 6 (1) u 6 (3),*

*kif ukoll tal-Artikolu 13, tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem meta stqarrija nkriminanti li huwa rrilaxxa waqt l-investigazzjoni ta` reat kriminali ntuzat kontrih minghajr ma hu seta` jitlob assistenza legali ghax il-ligi kienet tipprojbih".*

*Illi l-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:*

*1. Illi in kwantu r-rikors promotur huwa mibni fuq allegata ksur tal-jedd ta` smigh xieraq, l-azzjoni odjerna hija wahda prematura. Dan qieghed jinghad stante li hemm pendenti appell intavolat mir-rikorrent u ghalhekk s`issa ghadu mhux maghruf kif u taht liema cirkostanzi l-parti li provokat ir-referenza sejra tigi zvantaggjata waqt is-smigh tal-procedura kriminali. Illi f`dan l-istadju tal-proceduri mhuwiex indikattiv li proceduri kriminali jigu diskussi u trattati in vacuo.*

*Illi gie stabbilit b`mod kostanti fil-gurisprudenza kemm nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea li biex tinsab lezjoni tas-smigh xieraq kif imhares taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa mehtieg li l-process gudizzjarju jigi ezaminat fit-totalita` tieghu. Bhala regola, sabiex ikun jista` jigi apprezzat jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m`ghandux ihares biss lejn xi nuqqasijiet procedurali li jokkorru izda jrid ihares u jezamina jekk fl-assjem taghhom, il-proceduri jkunux jew le kondotti b`gustizzja fis-sustanza u fl-apparenza (ara Perit Joseph Mallia vs Onor. Prim Ministru et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta` Marzu 1996).*

*Illi sabiex jigu applikati l-elementi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jridu ta` bilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b`mod illi biex wiehed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, wiehed irid iqis il-process kollu kemm hu, maghduda maghhom l-imgieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta` kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mharsin mill-istess Qorti (ara Fenech vs Avukat Generali deciza fl-4 ta` Awwissu 1999 - Vol. LXXXIII.i.213). Wiehed ma jistax u m`ghandux jiffoka fuq bicca biss mill-process shih gudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew ghelt, jasal ghall-konkluzjoni li ta` bilfors sehh ksur tal-jedd tas-smigh xieraq (Pullicino vs. Onor. Prim Ministru et deciza fit-18 ta` Awwissu 1998 – Vol. LXXXII.i.158).*

*Illi r-rikorrenti ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li huwa mhuwiex sejjer ikollu smigh xieraq minhabba l-mod kif ittehditlu l-istqarrija. Ladarba l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, allura r-rikorrenti sakemm is-sentenza tieghu tkun wahda finali jgawdi mill-prezunzjoni tal-innocenza. Illi f`dan l-istadju li fihom waslu l-proceduri kriminali, ir-rikorrenti ghandu l-possibilita` li*

*juri kif fil-fehma tieghu l-Ewwel Qorti kienet zbaljata u r-raguni ghala ghandha tigi mhassra s-sentenza tal-Ewwel Qorti.*

*Illi t-tehid tal-istqarrija bl-ebda mod ma jikkomprometti l-jeddijiet u l-garanziji processwali u difensjonali tar-rikorrenti. Il-Qorti tal-Appell ghandha l-kompitu li tara u tevalwa kull argument u sottomissjoni li jressaq quddiemha r-rikorrenti.*

*Ghalhekk il-fatt wahdu li r-rikorrenti rrilaxxa stqarrija ma ssostnix l-ilment ta` ksur ta` dritt ta` smigh xieraq ghaliex dawn wahidhom mhumiex determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, b`dana li l-ilment huwa ghal kollox intempestiv u prematur. Jigi b`hekk li l-ilment ta` nuqqas ta` smigh xieraq jista` jigi ezaminat biss ladarba l-process kriminali jigi konkluz.*

*2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottometti li l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli ghall-kwistjoni li giet referita quddiem dina l-Onorabbli Qorti. Dan ghaliex dan l-artikolu jghodd biss fejn ikun inbeda procediment quddiem Qorti (ara s-sentenza ghar-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Repubblika ta` Malta vs Matthew-John Migneco deciza fil-15 ta` Novembru 2011. F`dan il-kaz, l-ilment jinsab dirett fil-konfront ta` perijodu fejn kienet ghaddejja l-fazi tal-interrogazzjoni min-naha tal-Pulizija. Ghalhekk ladarba c-cirkostanzi kkontestati jmorru lura ghal grajjiet li sehhew qabel ma kienu lahqu nbdew xi procedimenti, allura dan ifisser li l-ilment ma jistax jaqa` fl-ambitu tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk sa fejn ir-rikors promotur huwa mibni fuq dan l-artikolu, dan l-artikolu tal-Kostituzzjoni ghandu jigi dikjarat li ma japplikax ghal din il-vertenza.*

*3. Illi dwar l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jissottometti li bhala principju ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta` assistenza legali izda jezisti biss dritt fundamentali li persuna akkuzata b`reat kriminali jkollha proceduri li jinzammu bil-garanziji ta` smigh xieraq. Illi l-fatt fih innifsu li persuna ma tkunx thalliet tikseb parir legali qabel l-interrogatorju taghha allura awtomatikament gie lez id-dritt ghal smigh xieraq. Illi sabiex in-nuqqas ta` assistenza legali tkun tista` potenzjalment twassal ghal ksur tad-dritt ghal smigh xieraq irid jigi muri b`mod sodisfacenti li minhabba dak in-nuqqas inholoq perikolu illi persuna tinsab hatja meta ma ghandux ikun hekk.*

*Illi dak li jiggarantixxu l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huma dritt ghal smigh xieraq u mhux dritt ghall-ghajnuna ta` avukat qabel ma, jew waqt illi, tittiehed l-istqarrija. Illi marbut ma` dan, id-dritt ghal smigh xieraq irid jigi meqjus fil-kuntest tat-totalita` tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta` xi mument specifiku.*

*Illi wiehed ma jridx jinjora wkoll il-fatt illi r-rikorrent bl-ebda mod ma kien imgieghel jaghti l-istqarrija li ta. Huwa nghata t-twissija skont il-ligi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq izda li dak li kien ser jinghad seta` jingieb bhala prova kontra tieghu. Illi r-rikorrent kien qed jifhem l-import tac-cirkostanza li kien jinsab fiha. Dan iktar u aktar meta wiehed iqis li r-rikorrent inqabded in flagrante. Illi fil-kawza kriminali ttellghu xhieda apparti l-istqarrija.*

*4. L-esponenti jissottometti li c-cirkostanzi tal-kaz odjern huma ferm differenti minn dawk li jiffurmaw il-fattispecie tal-kaz Borg v. Malta maqtugha mill-Qorti Ewropea u dan peress li f'dak il-kaz il-kawza kriminali tal-applikant kienet ghaddiet in gudikat. Il-pronunzjament tal-Qorti Ewropea li japplika ghall-kazijiet bhal dak tal-parti li pprovokat ir-referenza huwa dak ta` Dimech v. Malta (applikazzjoni 34373/13 tat-2 ta` April 2015) fejn il-proceduri kriminali kienu pendenti meta l-kaz ittiehed quddiem il-Qorti Ewropea.*

*5. Illi ghal dak li jirrigwarda l-ilment ta` allegat ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, l-esponenti jissottometti li prezentement ir-rikorrent mhuwiex privat mill-liberta` tieghu. Illi r-rikorrenti appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali u b`tali appell giet sospiza l-ezekuzzjoni tas-sentenza kriminali.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottometti li f`kaz li persuna tinstab hatja b`sentenza ta` Qorti li tkun ghaddiet in gudikat, tali detenzjoni tkun wahda legittima skont dak li jipprovdu l-Artikolu 5 (1) (a) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 34 (1) (b) tal-Kostituzzjoni ta` Malta.*

*Illi detenzjoni wara sentenza kriminali tista` titqies li tkun bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvezjoni jekk jintwera li jkun hemm "a flagrant denial of justice" u mhux jekk ikun hemm xi nuqqas procedurali tal-ebda sustanza jew konsegwenza gravi. Jekk hemmx "a flagrant denial of justice" jiddependi mic-cirkostanzi tal-kaz u jrid jigi meqjus fil-kuntest tat-totalita` tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta` xi mument specifiku.*

*6. Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 5 (4) tal-Konvenzjoni, l-esponenti jissottometti li dan is-subinciz jipprovdi li persuna privata mill-liberta` taghha ghandu jkollha a disposizzjoni taghha l-possibilita` li jistitwixxi proceduri sabiex tigi mistharrga l-legalita` ta` tali arrest. Illi l-esponenti jirrileva li hemm a disposizzjoni tar-rikorrenti kemm il-procedura*

*mahsuba fl-Artikolu 412B tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta) li jipprospetta wkoll il-possibilita` li tigi attakkata l-validita` tal-kontinwita` tal-arrest kif ukoll il-procedura Kostituzzjonali li tahseb ghall-possibilita` ta` stharrig tal-legalita` tal-arrest. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma jistax jilmenta li ma ghandux mekkanizmu sabiex jikkontesta l-legalita` tal-arrest tieghu.*

*7. Illi lanqas ma hija siewja l-allegazzjoni tar-rikorrenti li huwa mghandux rimedju taht il-ligi domestika bi ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*L-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ma jezigix xi procedura partikolari dwar kif ghandu jinghata r-rimedju. L-importanti huwa li jinghata rimedju effettiv quddiem awtorita` nazzjonali. Fil-fehma tal-esponenti din l-Onorabbli Qorti fis-sede Kostituzzjonali taghha hija awtorita` nazzjonali li tista` taghti rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk jinstab li sehhew infrazzjonijiet konvenzjonali. Tassew hija ghandha s-sahha li taghti kumpens morali lir-rikorrenti jekk huwa jinghata ragun fl-ilmenti tieghu.*

*Fi kliem iehor, l-Artikolu 13 ma jitlobx li r-rimedju ghandu jkun fil-qafas tal-proceduri ordinarji kif donnu qed jippretendi r-rikorrenti. Bil-kontra l-importanti huwa li jkollok rimedju quddiem awtorita` nazzjonali, dan irrispettivament jekk bil-mezz ta` talba quddiem il-Qrati ordinarji jew bil-mezz ta` kawza kostituzzjonali/konvenzjonali.*

*Hekk per ezempju ilment taht l-Artikolu 13 kien gie mwarrab mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza Nazzareno Zarb vs. Malta deciza fl-4 ta` Lulju 2006, ghaliex ghan-nuqqas fil-ligi ordinarja li tipprovdi ghal rimedju fil-kaz ta ` dewmien ingustifikat fil-proceduri, kien jaghmel tajjeb ir-rimedju taht il-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta quddiem il-qrati b`setghat kostituzzjonali.*

*Propriju dawn il-proceduri kostituzzjonali ghandhom il-potenzjal li jaghtu dak li qieghed ifittex r-rikorrenti u cioe` rimedju. Illi bl-intavolar ta` dawn il-proceduri konvenzjonali r-rikorrenti stess qieghed jirrikonoxxi li s-sistema Maltija tipprovdi ghal rimedju domestiku li huwa effettiv. Li kieku ma kienx hekk ir-rikorrenti ma kienx ser joqghod jehli l-hin u l-flus tieghu biex jiftah dawn il-proceduri.*

*Ghalhekk sa fejn ir-rikorrenti qieghed jilmenta minn ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dan huwa manifestamnet infondat jekk mhux ukoll fieragh ghaliex dawn il-proceduri u din l-Onorabbli Qorti bhala awtorita`*

*nazzjonali ghandhom is-setgha li jaghtu rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk kemm–il darba jirnexxielu juri li tassew gew imkasbra lilu xi wiehed mill-jeddijiet fundamentali tieghu kif imhares taht il-Konvenzjoni Ewropea.*

*8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*9. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Semghet ix-xhieda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat iid-dgriet li tat fl-udjenza tal-20 ta` Ottubru 2016 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**Ir-rikorrent** xehed illi fit-13 ta` Frar 2004, kien arrestat fuq suspett li kien qed jittraffika droga u ttiehed il-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Ghal habta tas-7.00 pm, huwa ta stqarrija lill-Pulizija. Dak iz-zmien huwa kellu 22 sena. Twieled fid-9 ta` Settembru 1981. Qabel dakinhar hu kellu esperjenza wahda mal-pulizija dwar kwistjoni zghira. Qatt ma kien ittiehed id-depot biex jaghti stqarrija. Dak iz-zmien kien inqabad ipejjep *joint.* Meta ta l-istqarrija fit-13 ta` Frar 2004, huwa ma kienx fi stat tajjeb ghaliex kien dipendenti mid-droga. Dak il-hin meta ttiehdet l-istqarrija, huwa kien qed ihossu *sick* u ghalhekk ried jehles mill-istqarrija mill-aktar fis possibbli halli jibghatuh `l hemm u jkun jista` jmur jakkwista droga ghad-dipendenza tieghu.

Kompla jghid li apparti l-effetti tad-dipendenza, waqt li kienet qed tittiehed l-istqarrija, huwa kien imbezza` hafna peress li sa dakinhar huwa qatt ma kien wasal ghal daqstant inkwiet. Spjega li d-diskors u l-agir tal-Pulizija waqt it-tehid ta` l-istqarrija kompla jzid mal-biza` u l-ansjeta` tieghu. Waqt illi kienet qed tittiehed l-istqarrija, kien hemm hafna ghajjat u tghajjir fil-konfront tieghu izda dan ma tnizzilx fl-istqarrija. Kien hemm ukoll tisbit fuq il-mejda

waqt li kienet qed tittiehed l-istqarrija. Dan kollu holoq pressjoni kbira fuqu u ried jitlaq `il barra minn hemm mill-aktar fis.

Xehed illi ghal din l-istqarrija huwa ma nghatax il-jedd ghal parir legali jew assistenza ta` avukat. Dak iz-zmien lanqas biss kien ghaddielu minn mohhu li jitlob li jinghata din it-tip ta` ghajnuna.

Qal illi fl-24 ta` Frar 2004, huwa rega` kien arrestat u rega` ttiehed il-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Huwa ghamel stqarrija fil-4.45 pm. Kienet stqarrija simili ghal dik ta` qabel fis-sens li huwa ma kienx qed ihossu sew minhabba d-dipendenza fuq id-droga. Ghal din l-okkazjoni ma kenitx saret l-istess pressjoni li kien garrab fil-kaz tal-ewwel stqarrija.

Ikkonferma li huwa ffirma iz-zewg stqarrijiet ghaliex ried jehles.

Kompla jixhed illi fit-tieni stqarrija, huwa kien gie mistoqsi jekk kienx lest jikkonferma dik l-istqarrija bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Huwa accetta ghaliex kien lest jaghmel kollox biex jixtri d-droga.

Spjega wkoll li ghat-tieni stqarrija u ghall-konferma taghha bil-gurament, huwa ma nghatax il-jedd ghal parir legali jew assistenza ta` avukat.

Fil-**kontroezami**, stqarr illi biex ghamel it-tieni stqarrija ma kienx gie arrestat. Ghamel it-tieni stqarrija volontrarjament. Fil-fatt il-kaz kien illi huwa mar id-Depot biex jigbor xi karti u staqsa ghall-Ispettur Josric Mifsud. Jaf li mar il-Qorti biex ikkonferma il-gurament it-tieni stqarrija. Qabel ghamel l-ewwel; stqarrija kien arrestat. Il-Magistrat li quddiemu kkonferma bil-gurament it-tieni stqarrija kien qallu li ma kienx jaf xi jrid jghid. Ikkonferma wkoll z-zewg stqarrijiet ezebiti a fol 55 sa fol 60. Qal illi ma jiftakarx li kien wehel inqas piena ghaliex mar kkonferma l-istqarrija bil-gurament.

**L-Ispettur Josric Mifsud** xehed illi fit-12 ta` Frar 2004 waslet informazzjoni ghand il-Pulizija dwar traffikar ta` droga. Kienet arrestata persuna. Meta marru fil-post ta` din il-persuna l-Marsa, instabu xi zghazagh fosthom ir-rikorrent. Il-Pulizija arrestat lil kulhadd peress li nstabet id-droga waqt it-tfittxijiet. Ir-rikorrent irrilaxxja zewg stqarrijiet : fit-13 ta` Frar u fl-24 ta` Frar. Inghata twissija li ma kienx obbligat li jirrispondi imma dak li ser jghid jista` jitnizzel bhala prova.

In segwitu hargu l-akkuzi.

Ikkonferma li dawk esebiti huma l-istqarrijiet tar-rikorrent.

Ipprezenta l-fedina penali ta` r-rikorrent.

Fil-**kontroezami** xehed illi fil-kaz tat-tieni stqarrija kien ir-rikorrent stess illi ghamel kuntatt mal-Pulizija.

Fisser illi r-rikorrent ghamel it-tieni stqarrija sabiex ighin lilu nnifsu in vista ta` dak li ddikjara fl-ewwel stqarrija.

Spjega li huwa mar it-tieni darba ghand il-Pulizija sabiex jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap 10.

Huwa nforma lil Camilleri li jekk hu jassisti lill-pulizija, huma jkunu obbligati jassistuh u jkun hemm tnaqqis fil-piena finali jekk jinstab hati.

Ma nstabet l-ebda droga fuq il-persuna tar-rikorrent.

Ghall-ewwel stqarrija, kienu prezenti hu u PC 351.

Qal illi jekk ir-rikorrent talab li jkun assistit minn avukat, huwa ghamel car lil Camilleri li ma kellux dritt ghal avukat.

Waqt l-istqarrija, Camilleri ma kienx qieghed komdu ghax kien arrestat izda huwa cahad li dan kien bezghan peress li l-pulizija bl-ebda mod ma kien mhedded mill-Pulizija.

L-istqarrijiet tar-rikorrent kienu nkriminanti billi ammetta l-pussess tad-droga.

## III. **Gurisprudenza**

## 1. **<u>Il-Pulizija (Spt Victor Aquilina) vs Mark Lombardi</u>**

Il-Qorti tirreferi ghar-referenza kostituzzjonali Nru 34/2009 li kienet saret fl-ambitu tal-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spt Victor Aquilina) vs Mark Lombardi**".

**Ir-referenza saret sabiex ikun determinat jekk kenitx frivola u vessatorja talba tal-imputat ghal dikjarazzjoni li kienu lezi d-drittijiet fundamentali tieghu meta ma kienx assistit minn avukat waqt li kien detenut mill-pulizja ezekuttiva fil-waqt illi rrilaxxja stqarrija minghajr beneficcju li jikkonsulta ma` avukat.**

Saret riferenza ghad-decizjoni tal-ECHR fil-kaz ta` "**Salduz vs Turkija**",

**Hemm kien deciz illi n-nuqqas fid-dritt ta` l-assistenza legali waqt l-interrogatorju kien leziv tad-drittijiet fundamentali hekk kif tutelati mill-Art 6 tal-Konvenzjoni.**

Tajjeb jinghad illi fiz-zmien meta sehh dak lamentat mir-rikorrent fl-istanza tal-lum, ma kienx ghad hemm ligi fis-sehh li tirregola dak lamentat mir-rikorrent.

Skont l-intimat, il-Qorti m`ghandhiex tassumi r-rwol ta` legislatur.

Fir-referenza kostituzzjonali li ghaliha saret referenza, il-Qorti kienet irrilevat illi l-imgieba tar-rikorrent kienet kemmxejn kontradittorja :-

> *"Din il-Qorti trid tirrimarka mil-ewwel dwar l-atteggjament daqxejn kontraditorju da parti tar-rikorrent li, fi stadju bikri, ma opponiex ghall-presentata fil-process kriminali talistqarrijiet irrilixxati minnu. Dawn l-istqarrijiet gew esebiti fl-udjenza tal-14 ta` Dicembru, 2005, quddiem il-Qorti tal-Magistrati msemmija, u r-rikorrent li kien debitament assistit mhux biss ma opponiex li l-istess jigu esebiti, izda sahansitra ezenta lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq lill-ufficcjali tal-pulizzija sabiex jixhdu fuq l-istqarrijiet msemmija. Ir-rikorrent ma ressaq ebda ilment dwar l-istqarrijiet li gew esebiti, u kien biss erba snin wara li talab l-isfilz taghhom ghax allega li ittiehdu bi vjolazzjoni taddrittijiet tieghu."*

Kompla jinghad hekk :-

*Trattat issa, il-meritu tal-lanjanza tar-rikorrent, din il-Qorti tara li r-rikorrent jaghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fuq dina l-kwistjoni, fosthom id-decizjoni ta` **Salduz vs Turkey**. Fil-maggior parti taghhom is-sentenzi tal-Qorti Ewropeja ghar-rigward ta` dana l-ilment kollha wasslu ghal decizjoni dwar jekk kienx hemm vjolazzjoni tal-ligi f`dana ir-rigward wara illi hadu in konsiderazzjoni l-fatt jekk mil-kumpless tal-provi kollha migjuba kontra l-persuna akkuzata, l-istqarrija ta` akkuzat li ma kienx assistit minn avukat kellhiex piz fuq decizjoni eventwali li ttiehed fil-konfront ta` dak l-akkuzat, jew inkella jekk tali stqarrija setatx kellha xi piz fuq tali decizjoni.*

*Il-Qorti ghalhekk sabet vjolazzjoni fejn tali stqarrija wasslet ghal kundanna fil-konfront tal-persuna akkuzata izda ma sabitx tali vjolazzjoni fejn kien hemm provi ohra li wasslu ghall-inkriminazzjoni. Fil-fatt fis-sentenza Salduz vs Turkey, iccitata mir-rikorrent inghad:*

*"The Court reiterates that Article 6(3)(C) may be relevant at the stage of the preliminary investigation in so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions. Although Article 6 will normally require that the accused be allowed to benefit from the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation, this right, which is not explicitly set out in the Convention, may be subject to restriction for good cause. The question in each case is whether the restriction, in the light of the entirety of the proceedings, has deprived the accused of a fair hearing."*

*Ukoll f`sentenza moghtija mill-Qorti Ewropeja recentament u cioe` fil-31 ta` Marzu 2009 **Plonka vs Poland** (application number 2031/02) inghad:*

*"The Court reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of fair trial. Nevertheless Article 6(3)(C) does not specify the manner of exercising this right. It leaves to the Contracting States the choice of the means of ensuring that it is secured in their judicial system, the Court`s task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial. In this respect, it must be remembered that the Convention is designed to guarantee not rights that are theoretical or illusory but rights that are practical and effective and that assigning counsel does not in itself ensure the effectiveness of the assistance he may afford an accused."*

Imbaghad il-Qorti ghamlet car illi fil-kaz meta l-unika prova kontra l-akkuzat tkun il-konfessjoni tieghu fi stqarrija li hu jkun rrilaxxja meta ma kienx assistit minn avukat, is-sejbien ta` htija f` dawk ic-cirkostanzi jista` jwassal ghal lezjoni ta` l-drittijiet fundamentali tal-akkuzat :

> *Mill-premess isegwi li l-fatt wahdu li r-rikorrent ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tieghu, ma jwassalx ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Biex jigi deciz jekk hemmx ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, irid jigi kkunsidrat l-process gudizzjarju kollu, u mhux jigu kkunsidrati l-istqarrijiet `in isolation`. Jekk fi tmiem il-gbir tal-provi l-unika prova kontra l-akkuzat tkun il-konfessjoni tieghu fi stqarrija li hu rrilaxxja meta ma kienx assistit minn avukat, allura l-Qorti li tkun trid tiddecidi l-kaz, trid toqghod ferm attenta, ghax sejba ta` htija f`dawk ic-cirkostanzi jistghu jwasslu lill-Qorti tal-appell tqies dik is-sentenza bhala `unsafe`.*
>
> *Min-naha l-ohra, jekk htija tinsab wara process gudizzjarju li fih b`mod gust jitressqu diversi provi li, fil-kumpless taghhom u ficcirkostanzi kollha tal-kaz, iwassalu ghall-konvinciment ta` responsabilita` minghajr dubbju ragonevoli, ma jistax jinghad li, ghax tkun saret stqarrija meta l-imputat ma kellux assistenza legali, jkunu gew vjolati d-drittijiet fundamentali tal-akkuzat kif protetti bl-Artikolu 6 talKonvenzjoni Ewropea. Wiehed irid iqies "the entirety of the proceedings", u mhux stadju wiehed meqjus wahdu. Kwindi ma jistax jinghad li, ghall-fatt biss li r-rikorrent irilaxxja stqarrijiet meta ma kienx assistit b`avukat ta` fiducja tieghu, gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu, u jekk akkuzat fi proceduri kriminali jkunx jew le inghata smigh xieraq irid jigi ezaminat fi tmiem il-process kollu u wara li jsir ezami tal-kumpless tal-istess proceduri fit-totalita` taghhom.*

Ghalhekk kien deciz illi l-mankanza tad-dritt ghall-presenza ta` l-avukat waqt l-interrogotorju mhux per se leziv tad-drittijiet tar-rikorrenti kif sanciti fl-Art 6 tal-Konvenzjoni.

## 2. <u>Il-Pulizija (Supt. Norbert Ciappara) v. Esron Pullicino</u>

Kaz iehor kien dak "**<u>Il-Pulizija (Supt. Norbert Ciappara) v. Esron Pullicino</u>**" deciz minn din il-Qorti diversament preseduta fl-24 ta` Frar 2010.

Hemm saret talba lil Qorti sabex tiddeciedi dwar jekk gewx lezi d-drittjiet fundamentali tal-bniedem meta l-akkuzat ma kienx assistit minn avukat waqt li kien detenut mill-Pulizija Esekuttiva meta huwa rrilaxxja stqarrija.

Filwaqt illi saret riferenza ghad-decizjoni ta` **Mark Lombardi** (op. cit.) kienu senjalati differenzi bejn iz-zewg kazi :-

*Il-Qorti fil-kaz in ezami thoss li kuntrarjament ghall-kaz ta` Lombardi, f`dan il-kaz hemm zewg fatturi mportanti li kienu mankanti f`dak il-kaz. L-ewwelnett ir-rikorrenti kien minorenni meta gie interrogat; u it-tieni, il-prosekuzzjoni gia` ddikjarat illi ma ghandhiex aktar provi u allura l-unika prova fil-konfront tar-rikorrent hija appuntu l-istqarrija tieghu. Kif jidher mis-sentenzi citati, wiehed irid jara l-process kollu u l-process kollu jikkonsisti biss fil-fatt li l-prosekuzzjoni ipproduciet stqarrija maghmula mill-akkuzat li kien minuri meta gie nterrogat. Huwa veru li huwa ma allegax li gie maltrattat waqt l-interrogazzjoni izda fil-kaz in ezami wiehed mhux qed jitkellem dwar xi persuna mdorrija li tkun migbura mill-Pulizija izda fuq tifel ta` sbatax-il sena b`fedina penali, altrimenti netta u allura jidher li din kienet l-ewwel darba ghalih li kien arrestat.*

*Minorenni f`din is-sitwazzjoni aktar iva milli le, jkun intimidat mill-istess prezenza ta` numru ta` ufficjali talpulizja f`ambjent minnu nnifsu stramb ghalih, jekk ma jkollu lill-hadd min jghinnu u li fih jista` jafda. Mhux gust li jigi nterrogat, anke jekk dan isir bl-aktar mod delikat, minghajr ma jkollu assistenza. F`certu pajjizi mhux lecitu li wiehed jinterroga minorenni minghajr il-prezenza tal-persuna li jkollha l-kustodja tieghu jew taghha. Ghalhekk tenut kont ta` kollox, il-Qorti taqbel li r-rikorrent kellu d-drittijiet fundamentali tieghu sancit bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja miksur.*

Din id-decizjoni kienet appellata.

L-appell kien deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta` April 2011.

L-aggravju ewlieni tal-appellant u cioe` tal-Kummissarju tal-Pulizija kien jirrigwarda l-kwistjoni tad-dritt ta` akkuzat li jigi assistit minn avukat fl-istadju bikri tal-investigazzjoni. Inghad illi in linea ta` principju ma kien jezisti l-ebda dritt fundamentali ta` assistenza legali, imma biss dritt ghal smiegh xieraq meta persuna tigi akkuzata b`reat kriminali. Dan id-dritt ta` smiegh xieraq ghandu jigi ezaminat fil-kuntest tal-assjem tal-proceduri kollha, u mhux fir-rigward ta` mument partikolari izolat ta` dik il-procedura.

Il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-

*F`dan il-kaz jirrizulta bhala fatt li meta ttiehdet l-istqarrija tal-appellat huwa kien minorenni u li l-unika prova li ghandha l-prosekuzzjoni kontra tieghu hija l-istqarrija li hu kien irrilaxxja. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jghid hekk :*

*"(1) Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi.*

*…*

*"(3) Kull min ikun akkuzat b`reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin :*

*"… (c) li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta` assistenza legali maghzula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jhallas l-assistenza legali, din ghandha tinghatha lilu b`xejn meta l-interessi tal-gustizzja jehtiegu hekk."*

*Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem iddecidiet diversi drabi li d-dritt li persuna tiddefendi lilha nnifisha personalment jew permezz ta` assistenza legali huwa element fundamentali tad-dritt ghall-fair trial. Insibu f`dawn id-decizjonijiet li:*

*"The Court further reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of fair trial" (**Poitrimol v. France,** 23 November 1993, § 34, Series A no. 277-A, and **Demebukov v. Bulgaria** no. 68020/01, § 50, 28 February 2008).*

*Illi din il-Qorti tirreferi ghall-gurisprudenza l-aktar recenti tal-Qorti ta` Strasbourg u b`mod partikolari ghas-sentenza **Salduz v. Turkey** , sentenza tal-Grand Chamber u sentenzi ohra sussegwenti fl-istess vena fejn l-principju stabbilit f`Salduz gie sewgit. Il-Qorti f`Salduz qalet hekk:*

*"In order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction - whatever its justification - must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction". [para 55].*

*Ghalhekk, skont il-Qorti ta` Strasbourg, ir-regola hija li akkuzat ghandu jkollu access ghall-avukat fl-istadju bikri tal-investigazzjoni. Huwa meta jkun hemm, compelling reasons, jew ragunijiet gravi, li allura eccezzjonalment, id-dritt ghall-avukat jista` jigi ristrett. Imma anke f`dak il-kaz, il-Qorti trid tara` jekk id-dritt tal-akkuzat ghal procediment xieraq, fl-assjem tieghu, giex pregudikat. Illi l-appellant pero` jsostni li d-dritt ghal smiegh xieraq ghandu jigi evalwat fir-rigward tat-totalita` tal-procedura u mhux fir-rigward ta` xi mument partikolari ta` dawk ilproceduri. Ghalkemm din il-Qorti sa certu punt taqbel ma` dan il-principju, hija tal-fehma pero` li meta diga` jkun hemm ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tista` ssib li hemm lezjoni, m`ghandhiex toqghod tistenna sakemm jintemm il-kaz jew li jigi attwalment miksur id-dritt pretiz biex tiddeciedi jekk hemmx lezjoni jew le.*

*Kif tikteb Karen Reid, "A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights", [3rd Edition page 70] "While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall". Fil-fehma ta` din il-Qorti n-nuqqas ta` assistenza ta` avukat fl-istadju ta` investigazzjoni hu wiehed minn dawn il-fatturi li jistghu jippregudikawi rrimedjabbilment id-dritt ta` persuna akkuzata meta rregola, ormai stabbilita, hija li wiehed ghandu jkun assistit minn avukat."*

Kompla jigi osservat li :

*L-appellant jikkontendi li l-appellat m`attakkax ilvolontarjeta` o meno tal-istqarrija tieghu. Il-Qorti pero` tirrileva li l-ilment tal-appellat imur lil hinn mill-fattur talvolontarjeta` tal-istqarrija, li hu, wara kollox, qatt ma kkontesta. L-ilment tieghu kien fid-dawl tal-gurisprudenza fuq riferita tal-Qorti ta` Strasbourg li tishaq li d-drittijiet sanciti mill-Artikolu 6(1) u 6(3)(c) tal-Konvenzjoni jinkludu d-dritt ta` assistenza legali sa mill-bidu nett tal-investigazzoni tal-Pulizija, u qabel ma persuna tirrilaxxja l-istqarrija taghha.*

*L-appellant isostni wkoll li minn imkien ma jirrizulta li lappellat gie b`xi mod mgieghel jirrilaxxja l-istqarrija jew li ntuzat il-forza kontra tieghu. Jinsisti li nghatat is-solita twissija qabel l-appellat irrilaxxja l-istqarrija. Din il-Qorti tirrileva li r-raguni li l-Qorti Ewropeja tinsisti fuq id-dritt ghall-assistenza legali fl-istadju inizjali talinvestigazzjoni hija minhabba l-principju li hadd m`ghandu jinkrimina ruhu kif ukoll biex jinzamm bilanc bejn iddrittijiet tal-akkuzat u dawk tal-prosekuzzjoni. L-argument li*

*altrimenti lill-Pulizija jittnehhielha ghodda importanti sabiex jigu puniti reati dwar abbuz ta` droga mhux argument li ghandu jittiehed inkonsiderazzjoni fit-thaddim ta` dan il-bilanc. Il-Pulizija ghandha ssib hi l-mezzi biex issolvi l-investigazzjonijet taghha u mhux tiddependi fuq is-soluzzjoni facili ta` ammissjoni minn persuna investigata minghajr l-assistenza ta` avukat.*

*Kif qalet il-Qorti fil-kaz Salduz fuq riferit:*

*"These principles, outlined in paragraph 52 above, are also in line with the generally recognised international human rights standards (see paragraphs 37-42 above) which are at the core of the concept of a fair trial and whose rationale relates in particular to the protection of the accused against abusive coercion on the part of the authorities. They also contribute to the prevention of miscarriages of justice and the fulfilment of the aims of Article 6, notably equality of arms between the investigating or prosecuting authorities and the accused. [53]*

*"At the same time, an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings … In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task it is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself". [54]"*

Kien konkluz illi :-

*Fil-kaz in ezami m`hemmx kontestazzjoni li l-unika prova li ghandha l-prosekuzzjoni kontra l-appellat hija l-istqarrija tieghu li hu rrilaxxja lill-Pulizija meta huwa ma kienx assistit minn Avukat. Illi skont il-gurisprudenza fuq riferita l-ebda persuna m`ghandha tinkrimina ruhha b`mod li lunika prova li titressaq il-Qorti fil-konfront taghha tkun listqarrija li hu jkun irrilaxxja, kif gara f`dan il-kaz. Aktar u aktar meta bhal kaz odjern l-akkuzat kien minorenni u fejn jidher li l-appellat ma kienx midhla tal-pulizija. L-appellant isostni li l-appellat ghalkemm minorenni ma kienx baqghalu hafna sabiex jaghlaq it-tmintax-il sena u ghalhekk mhux li kemm tghid li hu facilment kien se jigi intimidat bil-presenza tal-pulizija waqt l-interrogazzjoni. IlQorti hawnhekk tirribadixxi li r-regola hi li persuna ghandha tkun assistita minn Avukat mill-bidu talinvestigazzjoni mill-Pulizija, u l-fatt li akkuzat ikun minuri huwa aggravju ulterjuri ghaliex ma kellhiex tittiehdet listqarrija meta ma kienx assistit minn avukat. Hekk gara fil-kaz ta` Salduz fejn dan il-fattur ittiehet inkonsiderazzjoni mill-Qorti biex isahhah l-argument taghha.*

*Inoltre fil-kaz Salduz, it-Turkija kellha ligi li tirregola din il-materja tad-dritt ta` avukat mentri fil-kaz taghna, hlief sa ricentement, lanqas biss kellna ligi li taghti dan id-dritt. Minn ezami tal-fatti kif jemergu f`dan il-kaz, ghalhekk jirrizulta sufficjentement pruvat li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, gie vvjolat kemm fuq bazi oggettiva kemm ukoll mill-aspett ta` "self-incriminating evidence". Fil-mument li gie interrogat l-appellat u meta rrilaxxja l-istqarrija mal-ufficjal koncernat kienet tipprevali "a systematic restriction of access to a lawyer pursuant to the relevant legal provisions". (**<u>Boz v. Turkey</u>** 9.02.2010, u **<u>Dayanan v. Turkey</u>** 13.10.2009).*

*Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li fil-kaz odjern kien hemm lezjoni tad-dritt tal-appellat ghal smiegh xieraq kif sancit fl-Artikolu 6(3)(c) konguntivament mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja meta huwa ma nghatax l-assistenza legali."*

**3. <u>Ir-Repubblika ta` Malta vs Carmel Vella</u>**

Fl-10 ta` Novembru 2011, il-Qorti ta` l-Appell Kriminali tat provvediment taghha fil-kawza "**<u>Ir-Repubblika ta` Malta v. Carmel Vella</u>**".

Dan il-provvediment kien limitat ghal talba tar-rikorrent sabiex kwistjoni kostituzzjonali sollevata minnu tigi riferita skont l-Art 46 tal-Kostituzzjoni.

Fir-rikors tieghu, ir-rikorrent irrileva illi l-kaz kontra tieghu kien mibni fuq prova wahda biss u cioe` l-istqarrija jew stqarrijiet tieghu moghtija lill-Pulizija u lill-Magistrat Inkwirenti fl-istadju meta kien qieghed jigi investigat bhala suspettat liema stqarrijiet saru minghajr ma huwa kien inghata l-fakulta` ta` assistenza legali.

Kompla sostna illi fir-rikors tal-appell tieghu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kien qieghed jattakka s-sejbien ta` htija tieghu billi din kienet fondata unikament fuq l-istqarrijiet tieghu li – skont ir-rikorrent – ittiehdu bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.

Zied jikkontendi illi kazi ohra fejn kien hemm sitwazzjoni analoga ghal tieghu, fejn l-istqarrija mehuda minghajr l-assistenza ta` avukat, kienet l-unika prova, il-qrati ta` gurisdizzjoni kriminali skartaw dik il-prova u lliberaw lill-akkuzat.

Il-Qorti ezaminat il-posizzjoni ta` l-akkuzat fis-sens illi ma kienx issolleva eccezzjoni dwar l-ammissibilita` tal-istqarrija jew stqarrijiet tieghu lill-Pulizija u lill-Magistrat Inkwirenti. Kien notat illi minkejja li seta` jissolleva dik il-materja quddiem il-qorti kompetenti ta` gurisdizzjoni kriminali ghall-konsiderazzjoni taghha jew addirittura jqajjem kwistjoni kostituzzjonali quddiem dik il-Qorti u jitlobha taghmel riferenza kostituzzjonali, l-akkuzat halla kollox ghaddej.

Kien notat ukoll illi fl-ewwel jum tal-guri, id-difiza ma opponietx li titqassam kopja ta` l-istqarrija.

Irrizulta wkoll li kien hemm stqarrija ohra li ma ngabitx ghall-konjizzjoni tal-gurati.

Il-Qorti qalet hekk :-

*Fid-dawl ta` dak kollu premess, meta tikkunsidra li jirrizulta illi: (a) r-rikorrent seta jqajjem kull eccezzjoni opportuna dwar l-ammissibilita` tal-prova tal-istqarrija tieghu u tad-depozizzjoni tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti izda naqas milli jaghmel dan; (b) r-rikorrent di fatti qajjem diversi eccezzjonijet flistadju preliminari tal-proceduri kriminali quddiem il-Qorti Kriminali minghajr ma ghamel l-icken accenn ghallistqarrija u d-depozizzjoni tieghu; (c) r-rikorrent fil-mument opportun qabel sar il-guri naqas milli jissolleva xi kwistjoni kostituzzjonali biex il-materja tigi ezaminata mill-Qorti kompetenti u okkorrendo dik il-Qorti tkun tista` taghti kull rimedju opportun jekk ikun il-kaz; (d) fil-kors tal-guri meta l-prosekuzzjoni talbet li kopja tal-istqarrija u tad-deposizzjoni guramentata tal-akkuzat jitqassmu lill-gurati id-Difiza ma espressament ma opponietx li jsir dan din il-Qorti hi tal-fehma illi t-tqanqil tal-kwistjoni kostituzzjonali sollevata mir-rikorrent hi semplicement frivola u vessatorja ghat-tenur tal-proviso tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u ghalhekk tichad it-talba tar-rikorrent sabiex din il-Qorti tibghat il-kwistjoni msemmija quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili."*

4. **Il-Pulizija (Spt Norbert Ciappara) v. Renald Baldacchino**

Decizjoni ohra kienet dik li tat din il-Qorti diversament ippreseduta fit-30 ta` Gunju 2014 fil-kaz "**Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) v. Renald Baldacchino**" wara referenza li kienet saret mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali.

Fil-kaz in kwistjoni kienu pprezentati zewg stqarrijiet ta` Angelo Cassar – similment ghall-kaz tal-lum.

Stqarrija minnhom saret fil-25 ta` Frar 2004 minghajr l-assistenza ta` avukat.

Stqarrija ohra kienet guramentata u saret qabel ma Cassar kellu l-assistenza ta` avukat.

Dawn l-istqarrijiet kien prezentati bhala prova fil-process kontra Baldacchino.

Baldacchino gab l-argument illi meta stqarrijiet jintuzaw bhala mezz ta` kontroll ghal min ghamilhom kif ukoll meta ntuzaw bhala prova fil-konfront ta` min ma kienx lanqas rapprezentat legalment f`dak l-istadju ma ghandux ikollhom valur probatorju.

Ghalhekk, il-kwistjoni kienet jekk l-istqarrija kenitx valida ; jew jekk setghetx tintuza bhala prova kontra terz u cioè Baldacchino.

Il-Qorti qalet hekk :-

*"Baldacchino qieghed jinvoka ksur ta` dawn it-tuteli ghad-dritt tieghu ghal smigh xieraq abbazi tal-fatt illi skond Baldacchino, meta ttiehdet listqarrija u x-xiehda guramentata ta` Angelo Cassar, billi Cassar ma kienx assistit minn avukat saret lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq, bil-konsegwenza li dik l-istqarrija u dik ix-xiehda – ghax lezivi ghal dak id-dritt – ma jistghux jintuzaw bhala prova lanqas fil-konfront tieghu, li huwa terz fi kwalunkwe procediment li fih kien involut Cassar.*

*Fil-kaz tal-lum, min ghamel l-istqarrija, u cioè Angelo Cassar, ma ressaq l-ebda ilment ta` ksur ta` smigh xieraq. Fil-kaz tal-lum, il-kwistjoni hija jekk dik l-istqarrija hijiex valida u jekk tistax tintuza bhala prova kontra terz u cioè Baldacchino. …*

*Dan t-tip ta` ilment dwar stqarrija ta` xhud digà kien trattat fil-kawza nru 57/2011 fl-ismijiet* ***Mario Borg v Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Generali,*** *deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta` Jannar 2013. "F`dik il-kawza, ir-rikorrent kien ilmenta dwar stqarrija li kien ta hu lill-pulizija. Ilmenta wkoll dwar il-fatt li x-*

*xhieda ewlenin li xehdu fil-proceduri kriminali kontra tieghu wkoll ma kellhomx access ghal assistenza legali u ghalhekk dak in-nuqqas kellu riperkussjonijiet fil-proceduri fil-konfront tieghu.*

*Fis-sentenza taghha l-Qorti Kostituzzjonali qablet mal-ewwel qorti illi dan l-ahhar ilment m`ghandux jigi milqugh ghalkemm ghal ragunijiet differenti. Il-qorti qalet hekk :-*

*"Ghalkemm mhux necessarjament huwa l-kaz illi, kif qalet l-ewwel qorti, `F`kaz ta` stqarrija li tinghata lill-pulizija, hi biss il-persuna li taghmel l-istqarrija li ghandu jkollha d-dritt li tilmenta li ma kellhiex access ghall-avukat u tinvoka ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni` – ghax jista` jkun illi min jaghmel l-istqarrija ma jkollux access ghal qorti u ghalhekk ma jistax jitlob rimedju, izda xorta jibqa` l-fatt illi l-istqarrija tkun ittiehdet b`abbuz u ghalhekk ma tkunx tiswa bhala xiehda – fil-kaz tal-lum iz-zewg xhieda li ghamlu l-istqarrija kellhom kull fakoltà li jikkontestawha izda mhux biss ma ghamlux hekk anzi regghu tennew dak li qalu f`xiehda hielsa quddiem il-qorti. Mela jekk min ghamel l-istqarrija ma cahadhiex u ma ikkontestahiex u ma lmentax li ttiehdet b`abbuzz ghalkemm kellu kull fakoltà li jaghmel hekk b`access hieles ghal qorti, dik l-istqarrija ghandha titqies bhala xiehda ammissibbli."*

*Il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet dan l-istess ragunament fil-kawza rikors numru 66/2011 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Patrick Spiteri`</u>** deciza fil-25 ta` Jannar 2013. Qalet hekk :-*

*"Dawn l-aggravji, fil-fehma ta` din il-qorti, huma rizultat ta` malintiz pjuttost mifrux illi min hu akkuzat b`reat ghandu xi dritt fondamentali illi ma tithalla titressaq ebda xiehda li tista` b`xi mod tkun ta` hsara ghalih, bhallikieku ghandu d-dritt ukoll illi f`kull kaz jinstab mhux hati u illi lequality of arms tfisser illi l-prosekuzzjoni tigi mcahhda mill-mezzi biex tipprova l-kaz taghha.*

*Gia` rajna, waqt it-trattazzjoni tal-appell tal-pulizija u tal-Avukat Generali, illi l-fatt wahdu illi ssir stqarrija meta min jaghmilha ma jkollux l-ghajnuna ta` avukat ma huwiex ipso facto bi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq. "Aktar min hekk, ma tressqet ebda prova illi Galea u Cachia lmentaw li dawk l-istqarrijiet ittiehdu bi ksur ta` xi jedd taghhom, u ghalhekk aktar u aktar ma jistax jinghad illi dik l-istqarrija hija llecita meta min jaghmilha ma jilmentax bi ksur ta` xi jedd tieghu.*

*Mela l-premessa ta` Spiteri illi l-istqarrijiet ta` Galea u ta` Cachia huma awtomatikament illeciti ghax ma sarux bl-ghajnuna ta` avukat hija hazina u kull argument mibni fuq dik il-premessa huwa necessarjament hazin ukoll." "Il-kawzi l-ohra li kienu citati fil-kors ta`*

*dan il-proceddiment jirreferu ghal meta l-akkuzat ikun ta stqarrija minghajr assistenza legali – punt li llum gie determinat minn dawn il-qrati b`decizjonijiet wara dawk citati fosthom* ***<u>Charles Steven Muscat v. Avukat Generali,</u>*** *deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta` Ottubru 2012.*

*Fil-kaz tal-lum meta Angelo Cassar wasal biex jixhed fil-proceduri kontra Renald Baldacchino huwa xehed li ma kienx qed jaqbel mal-istqarrija li kien ghamel u li dak iz-zmien huwa kien imbezza` u ghalhekk kien ghamel dik l-istqarrija. Izda ghalkemm Cassar xehed hekk, jirrizulta li meta kien hemm il-proceduri kriminali kontra tieghu ammetta l-akkuzi u ma appellax mis-sentenza li nghata. U fl-ebda mument ma jirrizulta li qal li kien imbezza` anke meta ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu. "Il-qorti tghid illi fl-ambitu tal-proceduri kriminali istitwiti kontra tieghu Renald Baldacchino ghandu intatti l-jeddijiet kollha fl-ambitu tal-jedd ghal smigh xieraq inkluz l-equality of arms ghax mhuwiex prekluz milli jaghmel l-kontro-ezamijiet necessarji lix-xhieda tal-prosekuzzjoni biex b`hekk isostnu bl-ahjar mod id-difiza tieghu."*

Sar appell minn din id-decizjoni.

L-appell kien deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta` Frar 2015.

Inghad hekk :-

*Fl-ewwel aggravju fuq il-meritu l-imputat essenzjalment ighid illi l-ewwel qorti ma qisitx il-fatt illi meta xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fil-proceduri kontra l-imputat, Angelo Cassar qal bil-gurament illi dak li qal flistqarrija tieghu dwar l-imputat ma kienx minnu u li kien imgieghel ighid dak li qal. Dan, fil-fehma tal-qorti, jista` jolqot il-kredibilità tax-xhud Cassar u l-veradicita` tal-istqarrija tieghu izda mhux il-legalita` tal-istess stqarrija. Huwa mholli ghad-decizjoni ta` min irid jiggudika dwar il-htija illi jara jemminx l-ewwel verzjoni jew it-tieni wahda jew ebda wahda. Jekk jitwemmen dak li qieghed ighid Cassar issa – illi l-istqarrija ghamilha ghax beza` – dik l-istqarrija tista` ma titwemminx, u l-imputat sejjer ikollu okkazjoni ampja biex jikkontro-ezamina lil Cassar u hekk tohrog il-verità.*

*Imbaghad, ma hemmx ghalfejn nghattu x-xemx bl-gharbiel ghax hafna jistghu jkunu r-ragunijiet li jgieghlu xhud jibdel il-verzjoni tieghu wara li jkun ghadda zmien; u jista` jkun illi kienet l-ewwel verzjoni li nghatat minhabba biza`, u jista` jkun ukoll illi kienet it-*

*tieni verzjoni li nghatat minhabba biza`. Ma huwiex irrelevanti l-fatt illi Cassar ma rritrattax listqarrija tieghu meta kellu interess dirett li jaghmel hekk, biex jevita kundanna hu u mhux biex jevitaha ghal haddiehor.*

*Dan il-gudizzju izda huwa mholli ghal min irid jiddeciedi dwar il-htija filprocess penali. Il-fatt jibqa` illi fil-process kontra tieghu Cassar ma deherlux li kellu jaghmel allegazzjoni li l-istqarrija ttehditlu abuzivament; anzi, tennieha u wettaqha bil-gurament quddiem magistrat. Kif gà kellha okkazjoni tosserva din il-qorti (Ara e.g.* ***__Pulizija v. Amanda Agius__*** *(rik. 68/2009), Kost. 22 ta` Frar 2013;* ***__Pulizija v. Tyrone Fenech__*** *(rik. 69/2011), Kost. 22 ta` Frar 2013), il-prezenza ta` magistrat, ufficjal gudizzjarju indipendenti mill-pulizija, hija garanzija bizzejjed illi l-istqarrija tinghata b`ghazla hielsa, volontarjament, u ma tigix imgieghla jew mehuda b`theddid jew b`biza`, jew b`weghdiet jew bi twebbil ta` vantaggi.*

*L-imputat izda jkompli jghid illi l-fatt illi, fil-proceduri kontra tieghu stess, Cassar ammetta l-htija tieghu u effettivament ikkonferma l-istqarrija ma ghandu ebda relevanza ghax "l-ammissjoni u l-eventwali sentenza moghtija kontra Angelo Cassar bazata fuq l-istess ammissjoni ma kinitx tirrigwarda l-involviment ta` [l-imputat Baldacchino] izda kienet tirrigwarda lill-istess Angelo Cassar".*

*Il-fatt illi l-ammissjoni ta` Cassar fil-proceduri kontra tieghu "ma kinitx tirrigwarda l-involviment ta` [l-imputat Baldacchino] izda kienet tirrigwarda lill-istess Angelo Cassar" ma huwiex relevanti, ghax dak li trid tqis il-qorti hija l-legalità tal-istqarrija mhux il-legalità tal-ammissjoni. L-ammissjoni sservi biss biex tikkonferma illi Cassar ma lmenta minn ebda irregolarità meta ttehditlu l-istaqrrija u ghalhekk halla li l-istqarrija tieghu sservi ta` prova fil-process kontrieh.*

*L-imputat ighid ukoll illi l-fatt illi Cassar ma lmentax minn ksur tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq ma jfisser xejn ghax is-sentenza kontrieh inghatat fl-10 ta` Jannar 2005, qabel ma gie stabilit il-principju – fis-sentenza moghtija fl-2008 mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ta`* ***__Salduz v. it-Turkija__*** *– illi t-tehid ta` stqarrija meta dak li jaghmilha ma jkollux l-ghajnuna ta` avukat tista` tkun bi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq.*

*Din il-qorti kellha okkazjoni tosserva illi l-fatt illi persuna li taghmel stqarrija ma tfittixx, ghalkemm ikollha access ampju ghal qorti, illi twaqqa` dik l-istqarrija ghax ittehditilha abuzivament ghandu jfisser illi dik l-istqarrija ttiehdet b`mod legittimu (Ara e.g.* ***__Mario Borg v. Kummissarju tal-Pulizija et__*** *(rik. 57/2011), Kost. 25 ta` Jannar;* ***__Pulizija v. Patrick Spiteri__*** *(rik. 66/2011), Kost. 25 ta` Jannar*

*2013). Tassew illi dawk is-sentenzi nghataw wara dik ta` Salduz izda l-principju illi stqarrija mehuda abuzivament ma tiswiex bhala prova ma nholoqx bis-sentenza ta` Salduz. Meta nghatat is-sentenza kontra Cassar gà kien fis-sehh l-art. 659 tal-Kodici Kriminali:*

*"658. Kull haga li imputat jew akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista` tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b`theddid jew b`biza`, jew b`weghdiet jew bi twebbil ta` vantaggi."*

*L-ewwel aggravju fil-meritu huwa ghalhekk michud.*

*It-tieni aggravju fil-meritu huwa essenzjalment ripetizzjoni, b`argumenti godda, tal-ewwel wiehed, i.e. illi l-istqarrija ta` Cassar ittiehdet bi ksur tal-jedd ta` Cassar ghal smigh xieraq. L-argument huwa illi bejn meta tittiehed l-istqarrija u meta tigi mwettqa bil-gurament quddiem magistrat ma hemmx intervall ta` zmien "u x-xhud jigi rinfaccat bl-istess stqarrija u mhux jinghata opportunità li jixhed mill-gdid". Ghalhekk, ikompli jghid l-imputat, "ma hemmx sistema ta` kontroll" u l-fatt illi f`dak il-waqt "ilpersuni li jigu implikati fl-istess stqarrija" ma jkunux rapprezentati u "ma jkollhom ebda kontroll fuq tali evidenza" ghax "il-prosekuzzjoni biss tkun rapprezentata" ifisser illi ma jkunx hemm equality of arms".*

*Kif già gie osservat fuq , il-fatt illi l-istqarrija tigi mwettqa bil-gurament quddiem magistrat, ufficjal gudizzjarju imparzjali u indipendenti, hija garanzija bizzejjed ta` kontroll u legalità, u, kontra dak li jghid l-imputat, il-fatt illi ghandu dritt ampju ta` kontro-ezemi jaghtih ukoll equality of arms mal-prosekuzzjoni. Dan qalitu wkoll il-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ta`* ***Camilleri v. Malta*** *(Q.E.D.B. 16 ta` Marzu 2000 (rik. 51760/1999):*

*"The Court further recalls that all evidence must normally be produced in the presence of the accused at a public hearing with a view to adversarial argument. However, the use in evidence of statements obtained at the stage of the police inquiry and the judicial investigation is not in itself inconsistent with paragraphs 3 (d) and 1 of Article 6 of the Convention, provided that the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that the defendant be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him or her either when that witness is making a statement or at a later stage of the proceedings."*

*Dan l-aggravju wkoll huwa ghalhekk michud."*

## 5. **Malcolm Said vs Avukat Generali et**

Qeghda ssir riferenza ghad-decizjoni li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta` Jannar 2016 fil-kaz ta` "**Malcolm Said vs Avukat Generali et**"

Il-Qorti bdiet billi ghamlet rassenja ta` dak li gie deciz mill-qrati taghna wara "**Salduz**" (op. cit.)

Imbaghad irreferiet ghad-decizjoni li tat l-ECHR fil-kaz ta` "**Mario Borg vs Malta**".

Hemm inghad illi fin-nuqqas ta` provi dwar ragunijiet impellanti ghar-ristrezzjoni ta` dritt ta`assistenza ta`avukat, ikun hemm lezjoni ghad-dritt ta` l-imputat ghal smiegh xieraq fil-kaz illi l-persuna koncernata ma tkunx assistita t minn avukat qabel ma rrilaxxa l-istqarrija.

Il-Qorti kompliet hekk :-

*"Illi l-gurisprudenza l-aktar ricenti tal-Qorti Ewropea pero`, f`sentenza li giet pronunzjata ftit tal-granet ilu , cioe` fit-12 ta` Jannar 2016 fl-ismijiet* ***Mario Borg vs Malta*** *ECHR App No: 37537/13 irriteniet :*

*"(i) General principles*

*56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see* ***Salduz v. Turkey*** *[GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such*

*restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see **Salduz**, cited above, § 55).*

*58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*(ii) Application to the present case*

*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.*

*60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, **Salduz**, cited above, § 56; **Navone and Others v. Monaco**, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; **Brusco v. France**, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and **Stojkovic v. France and Belgium,** no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, **Dayanan v. Turkey,** no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; **Yeşilkaya v. Turkey**, no. 59780/00, 8 December 2009; and **Fazli Kaya v. Turkey,** no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see **Salduz**, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already*

*falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see* ***Salduz,*** *cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention."*

*Applikat dan l-insenjament ghal kaz in ezami, u fin-nuqqas ta` provi dwar xi ragunijiet impellanti ghar-ristrezzjoni ta` dritt t`assistenza t`avukat, din il-Qorti tqis illi r-rikorrenti soffra lezju tad-dritt tieghu ghas-smiegh xieraq in vista tal-fatt li ma kienx assistit minn avukat qabel ma rrelaxxa l-istqarrija tieghu. Il-Qorti tqis ukoll li ghandha tapplika l-istess ammont ta` Danni li akkordat fil-lodo taghha l-Qorti Ewropea fil-kaz fuq citat u cioe` elfejn u hames mitt Ewro (€2,500).*

*Il-Qorti hadet nota ukoll tal-konkluzjoni u censura kontenuta fil-Concurring and Dissenting Opinion tal-Imhallef tal-Qorti Ewropea Pinto de Albuquerque , li tinsab a fol. 43 tas-sentenza* ***Borg vs Malta*** *(Ibid)."*

Minn din is-sentenza kien hemm appell.

Kien hemm decizjoni mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta` Gunju 2016.

Fl-ewwel aggravju, l-intimati sostnew li l-Art 39 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli ghall-kaz tal-appellat billi dak l-artikolu kien ighodd biss meta persuna tkun akkuzata b`reat u mhux qabel.

Intqal li l-lanjanza kienet tirreferi ghall-istadju qabel l-appellat tpogga taht akkuza u riferibbilment ghall-istadju tal-interrogazzjoni ; ghalhekk ma tinkwadrax ruhha f`dak li jipprovdi l-Art 39 tal-Kostituzzjoni.

Mill-kontroparti saret riferenza ghad-decizjonijiet ta` "**Ir-Repubblika ta` Malta v. Godwin Migneco**" u "**Ir-Repubblika ta` Malta v. Martin Dimech**" fejn inghad hekk :-

*Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta jaghmilha cara li l-jedd ta` smigh xieraq fil-qafas ta` proceduri kriminali jiddependi minn (a) akkuza li (b) tkun qieghda tinstama` minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b`ligi. Dan l-artikolu gie mfisser mill-qrati taghna bhala li japplika biss fejn ikun inbeda procediment quddiem*

*qorti li, fl-gheluq ta` dak il-procediment, tista` tasal biex taghti decizjoni li tiddetermina l-htija jew in-nuqqas ta` htija tal-persuna akkuzata. Ghalhekk, tqis li d-disposizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jghoddu dwar proceduri quddiem il-Qorti Kriminali bhala Qorti Inkwirenti u lanqas ghal proceduri quddiem il-Qorti Kriminali bhala Qorti Istruttorja.*

Il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi :-

*"Ma jfissirx izda illi dak li jkun sar qabel ma l-attur ikun akkuzat ma jistax jolqot, bi pregudizzju ghalih, dak li jigri wara li jigi akkuzat, b`mod li, minhabba dak li jkun sar qabel, ma jkunx jista` jinghata smigh xieraq. Li jfisser hu illi l-ksur – jekk it-tehid tal-istqarrija jkun sar bi ksur tad-drittijiet tal-attur – isehh mhux bil-fatt li tkun ittiehdet l-istqarrija (meta l-attur kien ghadu mhux "akkuzat") izda bil-fatt li jsir uzu minn dik l-istqarrija waqt il-process kriminali, meta allura l-attur ikun "akkuzat".*

*Ghal din ir-raguni ma jistax jinghad a priori illi l-art. 39 huwa ghal kollox inapplikabbli, u l-aggravju huwa ghalhekk michud."*

Imbaghad fit-tieni aggravju taghhom inghad li l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li ladarba l-ligi nostrana ma kinitx tipprovdi ghall-assistenza legali fil-kuntest tal-interrogazzjoni konsegwentement ma setghetx tilqa` l-eccezzjoni promossa li l-azzjoni tal-appellat hija wahda prematura u intempestiva.

Saret insistenza li d-dritt ta` smigh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalità tal-procedura fl-intier taghha u mhux fir-rigward ta` mumenti minnha bhal ma qed jipprova jaghmel l-appellat f`dawn il-proceduri fejn qed jiffoka fuq l-istadju tal-interrogazzjoni.

Saret referenza ghal kaz ta` **Imbrioscia v. L-Isvizzera** (Q.E.D.B. 24 ta` Novembru 1993, rik. 13978/88) u l-kaz aktar recenti ta` **Dimech v. Malta** (Q.E.D.B. 2 ta` April 2015, rik. 34373/13) partikolarment fejn il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qalet :-

*47. The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, **Kesik v. Turkey,** (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons v. Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see **Bouglame v. Belgium** (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010).*

*48. The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicant`s possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature. Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies.«*

L-appellat ghamel riferenza ghad-decizjoni ta` "**Borg v Malta**" tal-ECHR.

Il-Qorti Kostituzzjonali qieset kemm is-sentenza ta` **Dimech v Malta** kif ukoll dik ta` **Borg v Malta** u qalet hekk :-

> *"Tassew, is-sentenzi ta` Dimech u ta` Borg huma difficilment konciljabbli ma` xulxin, biex ma nghidux mill-ewwel li huma kontradittorji. Forsi nistghu nghidu wkoll illi s-sentenza ta` Dimech aktar tirrispetta l-principju fondamentali ta` proporzjonalità meta ma ssibx Stat hati ta` ksur ta` dritt fondamentali f`cirkostanzi fejn il-vittma ma jkun garrab ebda pregudizzju gravi jew reali, jew ukoll fejn jista` jkun li ma jkun vittma xejn.*
>
> *Madankollu, ghalkemm il-Qorti Ewropea hija marbuta bir-regola tal-esawriment tar-rimedji domestici, li kienet ir-raguni ghala sabet li l-ilment ta` Dimech kien intempestiv, din il-qorti ghandha s-setgha li taghti rimedju fejn issib li disposizzjoni li thares dritt fondamentali mhux biss "qieghda tigi" izda wkoll meta "tkun x`aktarx sejra tigi miksura". Jekk, meta jsir uzu minn stqarrija li tkun ittiehdet minghajr ma min jaghmilha jkollu l-ghajnuna ta` avukat, dan ikun bi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, mela "x`aktarx" illi d-dritt ghal smigh xieraq jinkiser jekk jithalla li jsir uzu mill-istqarrija, u l-intervent ta` din il-qorti jkun mehtieg minn issa sabiex ma thallix li dan isir.*
>
> *Dan it-tieni aggravju huwa ghalhekk michud."*

Tressaq ukoll aggravju dwar il-vulnerabilità tal-persuna interrogata u l-pregudizzju konkret li din iggarrab bhala element mehtieg biex jinstab ksur tal-jedd ghal smigh xieraq.

Kien hemm riferenza ghall-kazi ta` **Charles Steven Muscat v. Avukat Generali** (Kost. 8 ta` Ottubru 2012) ; **Geoffrey Galea v. Avukat Generali et**

(Kost. 28 ta` Gunju 2013) ; **Stacy Chircop v. Avukat Generali et** (Kost. 8 ta` Frar 2013).

Il-Qorti qalet hekk :-

*"Ghalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha moghtija fil-kaz ta` Charles Stephen Muscat u sentenzi ohra moghtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa` ghal abbuzi min-naha tal-prosekuzzjoni u thares id-drittijiet ta` persuna akkuzata b`reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – ghall-inqas fejn il-process kriminali jkun intemm – illum ma ghadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta` Borg v. Malta moghtija dan l-ahhar mill-Qorti Ewropea.*

*Din il-qorti ghalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx ghaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-kaz ta` Muscat, ghalkemm ittenni li ghadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta` buon sens.*

*Is-sentenza ta` Borg izda ghandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-ohra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-kaz ta` Dimech fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-process fl-intier tieghu biex tara kienx hemm smigh xieraq, u ghalhekk, fejn il-process kriminali, bhal fil-kaz tal-lum, ghadu ghaddej, trid tistenna li jintemm il-process biex tqisu fl-intier tieghu biex tara kienx hemm smigh xieraq.*

*Madankollu, fil-kaz tal-lum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx ghaqli li l-process kriminali jithalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur ghax tqis illi, fic-cirkostanzi, in-nuqqas ta` ghajnuna ta` avukat ma kienx nuqqas li ma jista` jkollu ebda konsegwenza ta` pregudizzju ghall-attur billi fl-istqarrija tieghu l-attur ammetta l-htija.*

*Fic-cirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda uzu mill-istqarrija fil-process kriminali.*

*Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttiehdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta` dak kollu li nghad fuq, partikolarment is-sentenza ta` Dimech il-ksur isehh jekk u meta jsir uzu mill-istqarrija fil-process kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistghu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raguni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista` jkun malajr.*

*Ghalhekk il-qorti sejra tilqa` dan l-aggravju fis-sens biss li tghid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur ghal smigh xieraq meta ttehditlu l-istqarrija, izda, biex ma jsehhx dak il-ksur waqt il-process kontra l-attur, ma hijiex sejra thassar l-ordni tal-ewwel qorti ghat-tnehhija tal-istqarrija mill-inkartament tal-process.*

*Ghalhekk ukoll (bla hsara ghal dak li sejjer jinghad dwar dewmien) ma huwiex il-kaz li l-attur jinghata rimedju ulterjuri fil-forma ta` kumpens monetarju, u l-qorti sejra thassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ikkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-attur elfejn u hames mitt euro (€2,500) bhala kumpens ghat-tehid tal-istqarrija."*

Dan kollu premess, il-Qorti Kostituzzjonali rriformat is-sentenza appellata billi hassritha safejn qalet li kien hemm ksur tal-jedd ghal smigh xieraq meta ttehditlu stqarrija minghajr ma thalla jiehu l-parir ta` avukat u qalet minflok illi x`aktarx illi jinkiser dak id-dritt tal-attur jekk isir uzu minn dik l-istqarrija fil-proceduri kriminali kontra tieghu, irriformat ukoll ir-rimedji moghtija mill-ewwel qorti, u kkonfermat is-sentenza fejn ordnat illi l-istqarrija tal-attur titnehha mill-inkartament tal-proceduri kriminali.

## 6. <u>Il-Pulizija vs Philip Borg</u>

Fil-kawza **<u>Il-Pulizija vs Philip Borg</u>** din il-Qorti diversament ippreseduta kellha referenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali dwar jekk l-istqarrija moghtija mill-akkuzat kinitx lesiva tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif tutelat mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni.

Hemm l-akkuzat kien ghamel stqarrija quddiem l-Ispettur Graziella Muscat fit-30 ta` Awwissu 2008 meta kien qed jigi nterrogat u qabel tqieghed taht akkuza.

Sar ilment illi l-istqarrija nghatat fi zmien meta d-dritt ghal assistenza legali ma kienx moghti bil-ligi domestika.

Il-Qorti qalet hekk :-

*"Jibda biex jinghad illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta mhux applikabbli ghal kaz billi dan l-artikolu jghodd biss fejn tkun inbeda procediment quddiem Qorti u tigi allegata vjolazzjoni ta` dritt*

*fondamentali. Ara* ***Repubblika ta` Malta vs Migneco*** *(15/11/2011). F`dan il-kaz l-allegat ksur sehh waqt l-interrogazzjoni u qabel ma gie akkuzat Philip Borg. Ghalhekk dan l-artikolu ma japplikax u r-risposta ghar-referenza ghandha tkun li dan l-artikolu ma japplikax ghal kwezit maghmul.*

*Dan pero ma japplikax ghall-istess fatt meta jittiehed kont tal-artikolu 6(3) abbinat mal-artikolu 6(1) tal-Kap. 319. Dawn l-artikoli jistipulaw illi fid-determinazzjoni ta` akkuza kriminali kulhadd hu intitolat ghal smigh xieraq u kull persuna akkuzata ghandha s-segwenti drittijiet minimi cioe` li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta` assistenza legali tal-ghazla tieghu jew fin-nuqqas ta` finanzi, jinghata assistenza legali b`xejn.*

*Sentenza ricenti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem hi dik ta`* ***Mario Borg vs Malta*** *deciza fit-12 ta` Jannar 2016 li trattat fost aggravji ohra dan iddritt. Kif qalet il-Qorti f`dik il-kawza:*

*56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see* ***Salduz v. Turkey*** *[GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see* ***Salduz****, cited above, § 55).*

*58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

…

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see **Salduz**, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.*

*Il-Qorti Ewropea ghamlitha cara li n-nuqqas ta` assistenza legali anki fil-pre trail stage jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt sancit bl-artikolu 6. Jinghad illi l-kawza Borg hi differenti mill-vertenza prezenti ghal fatt li l-proceduri kostituzzjonali fil-kaz Borg ittiehdu wara li ntemmu l-proceduri kriminali mentri fil-kaz prezenti r-referenza qed issir fil-mori tal-proceduri. Il-Qorti ma taqbilx kompletament mal-pulizija li r-referenza hi intempestiva ghax jekk kienx hemm lezjoni jista` jigi determinat biss mill-assiem tal-provi u fatti kollha prodotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati Sede Kriminali u mhux qabel ghax hu biss wara l-gabra tal-provi kollha jista` jigi determinat saritx lezjoni tad-drittijiet. Il-Qorti Kostituzzjonali mhix marbuta li ma taghtix pronunzjament qabel tmiem il-proceduri jekk tali proceduri jistghu jigu inkwinati jekk ma jigux salvagwardati d-drittijiet tal-persuna li qed tallega vjolazzjoni. Il-Qorti tqis illi l-kaz Borg hu car bhala kejl in linea ta` principju. Kull stqarrija li ssir bla assistenza legali salv f`kazijiet eccezzjonali hi lesiva tal-artikolu 6.*

*Il-Qorti mhix tghid f`dan l-istadju tal-proceduri kif inhi din il-kawza li dan il-fatt ghandu jwassal ghal waqfien jew it-tmiem tal-proceduri. Kull ma qed jinghad u kull ma gie mitlub bir-referenza hu jekk l-istqarrija hix lesiva tad-dritt ghall-smigh xieraq. Il-Qorti ghandha tqis li l-istqarrija li ttiehdet minghand Philip Borg fit-30 ta` Awwissu 2008 hi lesiva in principju tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq b`dan pero li l-konsegwenzi li jinsorgu minn dik id-dikjarazzjoni ghandhom jithallew ghal gudizzju tal-Qorti tal-Magistrati Sede Kriminali peress*

*li din il-Qorti ma ntalbietx ghal rimedju jew direzzjoni oltre d-dikjarazzjoni ta` ksur.*

*Il-Qorti hi konsapevoli li hemm sentenzi ohra cioe* ***<u>Dimech vs Malta</u>*** *deciza fit- 2 ta` Lulju 2015 li prima facie tikkontrasta mal-kawza Borg, fejn fil-kawza Dimech il-proceduri kienu ghadhom fl-istadju pendente lite u mhux wara sentenza li ghaddiet in gudikat. Pero l-Qorti hi tal-fehma illi s-sentenza Borg ma thallix lok ghal interpretazzjoni rigward ksur ta` dritt ghal smigh xieraq meta stqarrija tinghata bla dritt ghal assistenza legali. Kif inghad ir-rimedju ghal tali lezjoni mhux il-kompitu ta` din il-Qorti li tidhol fih ghax mhux mitlub."*

## 7. <u>Aaron Cassar vs l-Avukat Generali et</u>

Sentenza ohra ta` interess hija dik li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta` Lulju 2016 fil-kawza "**<u>Aaron Cassar vs l-Avukat Generali et</u>**".

Din id-decizjoni kienet tittratta appell tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija minn sentenza moghtija fit-28 ta` Jannar 2016 minn din il-qorti li kienet sabet ksur tal-jedd tal-attur ghal smigh xieraq skont il-Konvenzjoni, meta ma kienx thalla jiehu l-parir ta` avukat qabel ma jew waqt li ttehditlu stqarrija.

Is-sentenza fl-ewwel istanza nghatat fit-28 ta` Jannar 2016.

Hemm inghad hekk :-

*Ir-rikorrent jilmenta li ma nghatax id-dritt li jikkonsulta ma` avukat kif ukoll li ma kellux access ghall-file tal-pulizija li jikkoncerna l-kaz tieghu bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. »… … …*

*Illi fil-kaz in ezami r-rikorrent ma kienx assistit minn avukat matul l-investigazzjoni tal-pulizija u fl-eventwali interrogazzjoni u redazzjoni tal-istqarrija tieghu. Fl-istqarrija hu wiegeb biss fis-sens li ma tax twegiba u ghalhekk ma irrilaxxja l-ebda informazzjoni li setghet fiha nnifisha minimament tintuza bhala prova kontrieh. Lanqas iffirma l-istqarrija. Madanakollu dan fih innifsu ma jzommx lill-prosekutur milli jressaq l-istqarrija bhala prova fil-process penali.*

…

*skont il-linja mehuda mill-Qorti Kostituzzjonali taghna f`sentenzi ricenti, il-fatt wahdu tal-iskiet tieghu, kieku ghazel li jibqa` fommu sieket, ma kien jattira l-ebda inferenza ulterjuri waqt il-procedimenti kriminali.*

*Madanakollu l-interpretazzjoni tal-Qorti Kostituzzonjali ta` Malta fl-applikazzjoni tal-artikolu 6(3)(c) fl-isfond tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni mhix ghal kollox attinenti mal-interpretazzjoni tal-Qorti Ewropea.*

*…*

*il-Qorti Kostituzzjonali ta` Malta interpretat dan idritt biss fil-kaz fejn sabet li minhabba diversi cirkostanzi apprezzati skont il-kaz lakkuzat seta` jitqies li kien vulnerabbi meta rrilaxxja l-istqarrija.*

*Ghaldaqstant jidher li l-oghla qorti fil-pajjiz fehmet li lanqas dawk is-sentenzi tal-qorti fi Strasbourg ma ghandhom jitqiesu li holqu xi kejl assolut dwar dan il-jedd. Ghalhekk, minn hdan l-istess sentenzi, il-Qorti Kostituzzjonali siltet linja ta` hsieb li tqieghed il-kwestjoni talghajnuna ta` avukat lil min ikun interrogat fil-qafas tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq. Tant hu hekk li ghamlet riferenza ghall-konsegwenzi ta` inferenza sfavorevoli ("adverse inference") li jistghu jitnisslu kontra min jaghzel li ma jwegibx ghall-mistoqsijiet li jsirulu. "Kien ikun mod iehor li kieku l-ligi kienet tippermetti illi ssir xi inferenza mis-skiet".*

*…*

*Huwa evidenti, anke mis-sentenza moghtija mill-qorti ta` Strasbourg proprju f`dawn l-ahhar granet fit-12 ta` Jannar 2016 fil-kaz **Borg v. Malta** li l-interpretazzjoni Konvenzjonali fil-kaz ta` restrizzjoni sistemika tad-dritt ghall-assistenza legali fil-pre-trial stage hija li hemm lezjoni tad-dritt fejn il-ligi kienet siekta (systemic restriction).*

*…*

*Il-Qorti Ewropea b`hekk sabet fil-kaz ta` Mario Borg, li kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 6(3)(c) flimkien mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.*

*Fid-dawl tal-premess din il-qorti ser tapplika r-regola li temani millinterpretazzjoni tal-Qorti Ewropea fis-sens li l-artikolu 6(3)(c) fimkien mal-artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta` avukat fl-istadju talinvestigazzjoni mill-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghal avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni.*

*Izda anke jekk ikun hemm ragunijiet impellenti ghal xi restrizzjonijiet, tkun xi tkun ir-raguni, dawn ir-restrizzjonijiet m`ghandhomx jippregudikaw irrimedjabbilment id-drittijiet tal-akkuzat taht l-artikolu 6.*

….

*Illi fil-kaz in ezami huwa car li fiz-zmien tal-arrest tar-rikorrenti kien hemm in-nuqqas totali ta` legislazzjoni li tipprovdi ghall-assistenza ta` avukat fl-istadju qabel ma persuna tigi akkuzata formalment quddiem il-qorti. Dan iffisser li lanqas biss kien hemm parametri fejn l-Istat seta` jew ma setax jaghmel restrizzjoni ta` dan id-dritt ghall-assistenza legali u dan qed jinghad fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata tal-Qorti Ewropea. B`hekk ir-restrizzjoni ghall-access ghall-avukat lill-persuna arrestata kienet wahda totali u f`dan l-isfond din il-qorti thoss li dan imur kontra l-obbligi posittivi li ghandu l-Istat sabiex jimplimenta kif suppost l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Lanqas ma gie sottomess, u wisq inqas ippruvat, li kien hemm compelling reasons li kienu jiggustifikaw l-assenza ta` assistenza legali fil-kaz in ezami.*

*Ghaldaqstant issib li kien hemm restrizzjoni sistemika tad-dritt ghall-assistenza legali b`lezjoni tal-obbligazzjoni posittiva tal-Istat skont l-artikolu 6(3)(c) flimkien mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea billi r-rikorrent ma kellux assistenza.*

*F`dak li jikkoncerna r-rimedju, jirrizulta li l-akkuzat ma wiegeb l-ebda mistoqsija maghmula u effettivament l-uniku informazzjoni li jirrizulta mill-istqarrija huma d-dettalji personali tieghu. Ghalhekk l-istqarrija tressqet flimkien mal-provi l-ohra; effettivament, f`tali cirkostanzi, ma seta` jkollha l-ebda impatt probatorju fuq is-sejbien ta` htija tieghu. Jirrizulta mill-fedina penali tieghu li kien recidiv u kien maghruf lill-pulizija.*

*Il-qorti hija tal-fehma li ghalkemm sabet ksur minhabba restrizzjoni sistemika li proprjament jirrifletti fuq l-obbligazzjoni posittiva tal-Istat, dan il-ksur ma ssarrafx f`xi pregudizzju sostantiv ghall-akkuzat fil-process penali. Tant hu hekk li l-appell tieghu, deciz fil-mori ta` dawn il- proceduri, kien jittratta l-provi mressqa imma lanqas biss issemmiet l-istqarrija.*

*Ghalhekk, fid-dawl ta` dawn il-konsiderazzjonijiet, hija tal-fehma li dikjarazzjoni ta` lezjoni hija rimedju sufficjenti.*

Sar appell.

Kien hemm aggravju fis-sens li "*ghalkemm l-appellat ma kellux assistenza legali meta ttiehdet l-istqarrija in kwistjoni, dan il-fatt bl-ebda mod ma ippregudika d-difiza tieghu stante li ma irrisponda ghal ebda domanda li saritlu waqt l-istqarrija, ghajr ghal dawk id-domandi li kienu jirrigwardaw id-dettalji personali tieghu*".

Il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-

*Iz-zamma tal-bilanc neccessarju bejn id-diversi interessi involuti (talindividwu, tal-komunità, tal-amministrazzjoni tal-gustizzja) fit-twettiq tal-harsien tad-drittijiet fondamentali tal-individwu ghandu jimmilita kontra s-sejbien ta` vjolazzjoni tal-Konvenzjoni – haga serja fiha nfisha – meta ma jkun hemm ebda konsegwenzi ta` pregudizzju fuq min iqis lilu nnifsu (minghajr ma necessarjament ikun hekk) bhala "vittma". Din fl-ahhar mill-ahhar kienet il-motivazzjoni ta` din il-qorti fis-sentenza ta`* ***<u>Charles Steven Muscat v. Avukat Generali</u>*** *u sentenzi ohra li gew wara, li ma sabux ksur tal-jedd ghal smigh xieraq meta min ikun ta stqarrija minghajr ma kellu l-ghajnuna ta` avukat ma jkun garrab ebda pregudizzju minhabba f`hekk.*

*Madankollu, ghalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-nterpretazzjoni minnha moghtija fis-sentenzi fuq imsemmija hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata illi tilqa` ghal abbuzi min-naha tal-prosekuzzjoni u thares id-drittijiet ta` persuna akkuzata b`reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – ghallinqas fejn il-process kriminali jkun intemm – illum ma ghadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza ta`* ***<u>Borg v. Malta</u>*** *imsemmija mill-ewwel qorti, li tqis il-fatt biss ta` nuqqas ta` ghajnuna ta` avukat bhala ksur tal-art. 6(1) moqri mal-art. 6(3) tal-Konvenzjoni.*

*Il-qorti ghalhekk, ghalkemm tifhem u tapprezza l-argumenti mressqa mill-appellanti, tichad dan l-aggravju."*

## 8. <u>Gordi Felice vs Avukat Generali</u>

Din il-Qorti ppronunzjat ruhha fil-kaz ta` "**<u>Gordi Felice vs Avukat Generali</u>**" fil-31 ta` Ottubru 2016.

Qalet hekk :-

*It-tieni lment tar-rikorrent huwa li rrilaxxa stqarrija minghajr ma kkonsulta avukat.*

*Isostni r-rikorrent illi meta rrilaxxja l-istqarrija kellu 22 sena u dik kienet l-ewwel darba li kien arrestat… Il-Qorti tirreferi ghad-decizjoni li tat il-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta` Mejju 2016 fil-kawza "**<u>Stephen Nana Owusu vs l-Avukat Generali</u>**".*

*In partikolari tirreferi ghal li gej :–*

*Ghalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha moghtija fil-każ ta` Charles Stephen Muscat u sentenzi ohra moghtija wara hija interpretazzjoni korretta tal-hsieb tal-Qorti Ewropea fil-każ ta` Salduz billi tilqa` ghal abbużi min-naha tal-prosekuzzjoni u thares id- drittijiet ta` persuna akkużata b`reat kriminali, jidher li, fejn il-proċess kriminali jkun intemm, din l-interpretazzjoni llum ma ghadhiex aktar tenibbli fid-dawl tassentenza moghtija dan l-ahhar mill-Qorti Ewropea fil-każ ta` Borg v. Malta li fuqha qieghed jistrieh l-attur:*

*62. ……… the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons.*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.*

*Fiċ-ċirkostanzi din il-qorti hi tal-fehma li ma jkunx ghaqli li tinsisti fuq l- interpretazzjoni taghha, ghalkemm ittenni li ghadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta` buon sens.*

*Madankollu, ukoll fil-każ ta` Borg il-Qorti Ewropea osservat illi jista` jkun hemm "compelling reasons" ghala f`każ partikolari persuna tista` tiġi interrogata qabel ma tkun thalliet tiehu l-parir ta` avukat. Fil-każ tallum lattur kien dahhal droga f`Malta biex ighaddiha lil haddiehor kompliċi tieghu. Il-pulizija kellha interess leġittimu – u anzi kellha dmir – li taqbad lil dan ilkompliċi wkoll u ghalhekk kien hemm raġuni urġenti ghala l-attur jiġi interrogat minnufih qabel ma l-kompliċi jsir jaf – jew jiġi mgharraf – bl-arrest tal-attur. Fil-fatt l-interrogazzjoni ma serviet ghal ebda skop iehor ghax ixxiehda kontra l-attur kienet hekk konkluživa li ma kien hemm ebda htieġa ghaliha.*

*Ghalhekk id-deċiżjoni tal-pulizija li tinterroga lill-attur qabel ma jithalla jikkomunika ma` haddiehor sabiex possibilment jinqabad il-kompliċi kienet wahda leġittima fiċ-ċirkostanzi u ma kien hemm ebda ksur tal-jeddijiet imharsa taht l-art. 6 tal-Konvenzjoni."*

Fil-kawza de qua, kien citat *in extenso* l-kaz ta` "**Borg vs Malta**" tat-12 ta` Jannar 2016 u l-kaz ta` "**Salduz vs Turkey**" deciz fis-27 ta` Novembru 2008.

Il-konkluzjoni tal-Qorti kienet din :-

***"Il-fatt biss li d-dritt ghal assistenza legali ma kienx vigenti fiz-zmien in dezamina huwa bizzejjed sabiex ikun hemm vjolazzjoni, u ma hemmx bzonn li dan jigi kkonsiderat fl-ambitu tal-proceduri kriminali fil-kompletezza taghhom.***

***Din il-Qorti hija konxja mill-fatt li qabel is-sentenza ta` Borg mill-ECHR, kien hemm is-sentenza ta` Dimech vs Malta, fejn l-ECHR kienet qalet li ghandu jitqies il-process fl-intier tieghu qabel ma jigi ddikjarat li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq.***

***Izda s-sentenza ta` Dimech inghatat fit-2 ta` April 2015, filwaqt li dik ta` Borg inghatat f`Jannar tal-2016.***

***Huwa ghalhekk li din il-Qorti qeghda tadotta d-direzzjoni li ta l-ECHR. Bil-fatt biss li kien hemm sistema li fiha dan d-dritt ma kienx jinghata huwa bizzejjed sabiex issib li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq – anke jekk il-proceduri kriminali ghadhom fis-sehh.***

***Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda ssib li kien hemm ksur skont l-Art 6(3)(c) tal-Konvenzjoni."***

## 9. Trevor Bonnici vs Avukat Generali

Sentenza ohra kienet dik moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta` Novembru 2016 fil-kawza "**Trevor Bonnici vs L-Avukat Generali**".

Trevor Bonnici kien arrestat fl-20 ta` Lulju, 2004 ghall-habta tas-1.15 pm, fuq suspett ta` uzu u spacc ta` droga. Kien interrogat l-ghada tal-arrest fid-9.15 am. Irrilaxxja stqarrija fejn ammetta l-involviment tieghu. Ghamel l-istqarrija minghajr ma kien assistit minn avukat ta` fiducja billi dak iz-zmien dak id-dritt ma kienx fis-sehh fil-ligi taghna. Fil-fatt id-dritt dahal fl-10 ta` Frar 2010 b`Avviz Legali 35 tal-2010.

Bonnici ghamel il-kawza fid-9 ta` Mejju, 2016, wara li fit-12 ta` Jannar 2016 l-ECHR tat id-decizjoni taghha fil-kaz ta` **Borg vs Malta.**

Dwar allegat ksur ta` l-Art 39 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti qalet :-

*"Ghandu jinghad mal-ewwel li l-ilment tar-rikorrent taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, ma jistax jissussisti, u l-eccezzjoni mressqa mill-Avukat Generali fir-rigward, ghandha mis-sewwa, in kwantu li l-Qorti fil-kawza **Ir-Repubblika ta` Malta vs Migneco** deciza fil-15 ta` Novembru 2011 waslet ghall-konkluzjoni li dan l-artikolu japplika biss meta persuna tkun akkuzata b`reat u mhux qabel. F`dan il-kaz l-allegat ksur sehh waqt l-interrogazzjoni u qabel ma gie akkuzat ir-rikorrent. Ghalhekk huwa ritenut li dan l-artikolu ma japplikax ghall-kaz in ezami."*

Dwar allegat ksur ta` l-Art 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti qalet :-

*Ma jistax jinghad l-istess fil-kaz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Fis-siltiet rilevanti ta` dan l-artikolu jinghad hekk :*

*(1) Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi.*
*…*

*(3) Kull min ikun akkuzat b`reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin: (c) li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta` assistenza legali maghzula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jhallas Iassistenza legali, din ghandha tinghatha lilu b`xejn meta l-interessi tal-gustizzja jehtiegu hekk.*

*Fil-kaz **Salduz vs Turkey** [27.11.2008], il-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea sahaq li "even though the applicant had been able to contest the charges at his trial, the fact that he could not be assisted by a lawyer while in police custody had irretrievably affected his defence rights, especially as he was a minor". Fil-paragrafu determinanti ta` din is-sentenza (para. 55) jinghad hekk :*

*55. Against this background, the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" (see paragraph 51 above) Article 6§1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect*

*by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction - whatever its justification - must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 (see, mutatis mutandis, Magee, cited above, §44). The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction.*

*Isegwi li r-regola hi li l-artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta` avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghal avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni. Izda anke jekk ikun hemm ragunijiet impellenti ghal xi restrizzjonijiet, tkun xi tkun ir-raguni, dawn ir-restrizzjonijiet ukoll m`ghandhomx jippregudikaw id-drittijiet tal-akkuzat taht l-artikolu 6. Mhux il-kaz li din il-Qorti tezamina jekk kienx hemm ragunijiet impellenti l-ghala d-dritt ghal avukat gie ristrett, billi l-appellant f`dan il-kaz, fiz-zmien li ghamel listqarrija, qatt ma kellu d-dritt ghal avukat. Kif inghad, dan id-dritt tal-akkuzat ikun irrimedjabbilment pregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula, filwaqt li ma jkunx assistit minn avukat u sussegwentement dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.*

*F`sentenza ricenti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem citata mir-rikorrent, cioe` dik ta`* ***Mario Borg vs Malta*** *deciza fit-12 ta` Jannar 2016, ittrattat fost aggravji ohra, proprju dan id-dritt. Kif qalet il-Qorti f`dik il-kawza:*

*"56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see* ***Salduz vs Turkey*** *[GCl, no. 36391102, §54, ECHR 2008).*

*57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6§1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction - whatever its justification - must not unduly prejudice the*

*rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, §55).*

*58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., §56). …*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, §59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6§3 (c) taken in conjunction with Article 6§1 of the Convention."*

*Il-Qorti Ewropea ghamlitha cara li n-nuqqas ta` assistenza legali anki fil-pretrial stage jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt sancit bl-artikolu 6. Kif kellha okkazjoni din l-istess Qorti tistqarr (**Pulizija vs. Philip Borg**, PA Referenza Kostituzzjonali 21/2016, 30/06/2016), il-kaz Borg hu car bhala kejl in linea ta` principju. Kull stqarrija li ssir bla assistenza legali, salv f`kazijiet eccezzjonali hi lesiva tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti ghandha l-kompitu illi tara mhux biss jekk in-nuqqas ta` assistenza ta` avukat fl-istadju tal-istqarrija tar-rikorrent wassalx ghall ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, izda jekk b`dan in-nuqqas inholoqx il-perikolu illi r-rikorrent jinstab hati meta ma kellux jinstab hati.*

*Il-provi f`din il-kawza juru illi l-imputat ma kellux l-opportunita` li jkellem avukat qabel ghamel l-istqarrija jew f`xi waqt li kien mizmum fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Meta l-Qorti tezamina z-zewg sentenzi Imentati mir-rikorrent, jirrizulta li effettivament it-tnejn li*

*huma jaghmlu referenza ghall-istqarrija tar-rikorrent fis-sejbien ta` htija tieghu, izda jissemmew ukoll ix-xhieda tal-istess rikorrent u dik tal-Pulizija fis-sejbien ta` htija tar-rikorrent. Huwa ritenut li l-Qrati ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali mghandhomx jaghmlu valutazzjoni gdida tal-provi tal-process kriminali, bhallikieku l-procedura kostituzzjonali hija grad iehor ta` appell.*

*Il-fatt li l-qorti ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali tqis l-intier tal-proceduri quddiem il-qrati ta` kompetenza kriminali, ma jfissirx li ghandha taghmel valutazzjoni gdida tal-fatti, ghax il-kompitu taghha mhuwiex dak. (Ara f`dan is-sens s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-14 ta` Jannar, 2013, fl-ismijiet **Joseph Bugeja vs Avukat Generali**).*

*Ghalkemm kien hemm ligi li taghti jedd lill-imputat ghall-assistenza legali f`dawn ic-cirkostanzi, il-fatt inkonfutabbli jibqa` li dan il-jedd ma kienx ghadu in vigore u ghalhekk fid-dawl ta` dak li ntqal, l-istqarrija li ttiehdet minghand irrikorrent fil-21 ta` Lulju 2004, kif ukoll il-fatt li l-istess stqarrija nghatat qies fl-ghoti tas-sentenzi in ezami, iwasslu lil din il-Qorti sabiex issib li tassew kien hemm lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq u konsegwentement saret bi ksur tal-jedd fundamentali tal-imputat ai termini tal-artikolu 6(1) u (3)(c) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta."*

Dwar l-ilment skont l-Art 34 tal-Kostituzzjoni u l-Art 5(1) tal-Konvenzjoni inghad :-

*In kwantu l-ilmenti tar-rikorrent dwar l-artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, dawn huma ntizi sabiex iharsu lill-individwu mill-arrest arbitrarju unikament fis-sens li jippermettu l-arrest biss ghar-ragunijiet espressament elenkati fil-paragrafi tas-subartikolu (1) tal-artikoll rispettivi. Jekk l-arrest jew detenzjoni hi ghal wiehed mill-iskopijiet imsemmija fl-istess artikoli u tkun saret skond kif previst mil-ligi, dik id-detenzjoni ma tistax titqies arbitrarja jew illegali ghaliex tkun espressament sancita bl-artikoli fuq imsemmija.*

*Fil-kaz in ezami, huwa minnu li d-detenzjoni jew l-arrest tar-rikorrent in kwantu kien rizultat ta` process legali fejn huwa nstab hati minn qorti kompetenti u ghalhekk huwa in ezekuzzjoni ta` sentenza ta` Qorti dwar reat kriminali li tieghu gie misjub hati, ma jistax jinghad li kien wiehed arbitrarju jew illegali u dan kif wara kollox jipprovdu l-artikolu 34(1)(b) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni.*

*Madankollu wiehed irid jistharreg il-konsegwenza tad-dikjarazzjoni tal-ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, kif inghad qabel, fil-kuntest*

*tal-artikoli tal-ligi invokati mir-rikorrent. Kif ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tal-10 ta` Novembru, 2008, fl-ismijiet **Joseph Portelli vs il-Pulizija (Spettur M. Mallia) et**:*

*U van Dijk u van Hoof (Theory and Practice or the European Convention on Human Rights Kluwer Law International (The Hague) 1998 pagni 350-351), b`mod li aktar jaghmel ghall-kaz odjern, jghidu hekk: The requirement that the deprivation of liberty must be lawful means not only that this particular penalty must find a sufficient basis in the conviction of the court concerned, but also - this in connection with Article 7 - that the facts to which the sentence relates constituted according to municipal law, at the time the offence was committed, a punishable act for which the imposition of imprisonment was possible ... The mere fact that a judicial sentence is annulled on appeal does not deprive the imprisonment imposed in execution of that sentence of its lawful character. However, the matter is different if the ground for annulment is preciselv a manifest error with respect to the municipal law or a violation of one of the provisions of the Convention, in particular of Articles 6 and 7. ...*

*Ghalhekk din il-qorti - il-Qorli Kostituzzjonali - filwaqt li ma tindahalx flapprezzament ta/-provi maghmula mill-qrati kompetenti, u anqas ma ghandha tissostitwixxi l-interpretazzjoni taghha ta` xi disposizzjoni talligi ghal dik ta` xi qorli ohra kompetenti, hija ghandha pero is-setgha li tissindika dwar il-legalita` ta` sentenza meta jkun hemm zball manifest ossia illegalita` manifesta f`dik is-sentenza."*

*Kunsidrat li huwa ritenut ukoll illi:*

*A State must provide recourse to the Courts in all cases whether the detention is justified by article 5(1) or not. Accordingly, an article 5(4) claim must be considered even though the detention has been found to be lawful under the Convention (De Wilde Ooms and Versup vs. Belgium; A para. 73 (1971). (In this case the Court held that article 5(4) was infringed even though article 5(1) was not) (Law of the European Convention of Human Rights, Harris O`Boyle Warbrick, p. 145 et seq.).*

Il-Qorti qieset ukoll l-Art 5(4) u l-Art 13 tal-Konvenzjoni :-

*L-Artikolu 5 (4) tal-Konvenzjoni jipprovdi:*

*Kull min ikun ipprivat mil-liberta tieghu b`arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jaghmel proceduri biex il-legalita tad-detenzjoni tieghu*

*tigi deciza malajr minn qorti u l-liberta tieghu tigi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skont il-ligi."*

*Ir-rikorrent jinvoka favur tieghu wkoll il-provvediment taht l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni li jipprovdi:*

*Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tieghu kontemplati f`din il-Konvenzjoni ghandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita nazzjonali ghalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkun qed jagixxu f`kariga ufficjali.*

*Ladarba is-sentenzi li in forza taghhom kien hemm l-arrest legali tar-rikorrent, ser jithassru permezz ta` din is-sentenza, konsegwenza tal-vjolazzjoni misjuba taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jsegwi li anke l-arrest tar-rikorrent ma jistax jibqa` fis-sehh u dan in linea wkoll mal-principju quod nullum est nullum producit effectum. Altrimenti l-arrest ulterjuri tar-rikorrent jipperpetra l-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, din id-darba taht l-artikolu 5 talKonvenzjoni u artikolu 34 tal-Kostituzzjoni. Din il-Qorti tirroviza li fin-nota ta` sottomissjonijiet tar-rikorenti jidher li l-istess rikorrenti jinsab fuq programm tal-parole."*

Il-Qorti kompliet imbaghad tqis ir-rimedju ghal-lezjoni :-

*"Dan is-sejbien ta` lezjoni ta` drittijiet tar-rikorrenti jwassal ghall-mistoqsija ta` x`ghandu jkun ir-rimedju ghalih? Wara li hasbet fit-tul fuq il-konsegwenzi li johorgu minn tali sejbien ta` ksur ta` drittijiet kif sanciti taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, kif ukoll in konsiderazzjoni ta` dak kollu li nghad qabel, iwasslu lil din il-Qorti sabiex tiddeciedi li ghandha thassar il-process li kien hemm quddiem il-qrati ta` gurisdizzjoni penali sabiex kollox jerga` jibda mill-gdid quddiem gudikant iehor."*

…

*Ghalhekk, dan kollu premess, din il-Qorti trid issa tezamina u tiddeciedi x`ghandhom ikunu l-konsegwenzi ta` dak kollu li nghad u x`ghandu jkun irrimedju opportun. Kif inghad, huwa meqjus li in kwantu rrizultat lezjoni taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, fic-cirkostanzi fejn is-sentenzi in ezami, ccitaw l-istqarrija tar-rikorrent sabiex instab hati isegwi li ghandhom jithassru s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta` Dicembru 2015, kif ukoll dik tal-Qorti talMagistrati (Malta), bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali tal-25 ta` Frar, 2015, isegwi li ma hemmx bazi legali fuq xhiex f`dan l-istadju tibqa` fis-sehh id-detenzjoni tar-rikorrent u jsegwi li ghandu jigi rilaxxat, dan sakemm il-process penali jerga` jsir mill-gdid u jigi deciz mill-qorti kompetenti jekk hemmx lok ta` sejbien ta` htija tar-*

*rikorrent. lnoltre ikun xieraq li r-rikorrent jinghata danni ghal lezjonijiet sofferti li qed jigu likwidati komplessivament fis-somma ta` €3,000."*

## IV. L-ewwel talba

**Fl-ewwel talba r-rikorrent talab li jkun dikjarat illi l-istqarriijet tieghu tat-13 ta` Frar 2004 u fl-24 ta` Frar 2004 lill-Pulizija ttiehdu bi ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu hekk kif imharsa fl-Art 5(1), Art 6(1) u Art 6(3) tal-Konvenzjoni u l-Art 34 u Art 39 tal-Kostituzzjoni.**

### 1. L-Art 39 tal-Kostituzzjoni

Kif diga` kien senjalat fil-gurisprudenza citata, l-Art 39 jittratta sitwazzjoni meta persuna tkun akkuzata b`reat u mhux qabel.

Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrent jallega illi l-ksur ghall-jedd tieghu ta` smigh sehh waqt li kien qed jigi interrogat mill-Pulizija, u qabel tressaq akkuzat quddiem il-qorti.

L-Avukat Generali jgib l-argument illi ladarba l-istqarrija saret qabel ir-rikorrent tressaq b`akkuzi quddiem il-qorti, ma jistax ikun hemm vjolazzjoni tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni.

Saret riferenza ghad-decizjonijiet fil-kazi ta` **Ir-Repubblika ta` Malta vs Martin Dimech** u **Ir-Repubblika ta` Malta vs Migneco** (op. cit.)

Madanakollu, in linea ma` dak li nghad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fil-kawza "**Malcolm Said vs Avukat Generali et**" (op. cit.) ma jfissirx li dak li jkun sar qabel ma r-rikorrenti ikun gie akkuzat ma jistax jolqot, bi pregudizzju ghalih, dak li jigri wara li jigi akkuzat. Ghalhekk jekk it-tehid tal-istqarrija jkun sar bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent, il-vjolazzjoni ma ssehhx daqstant bil-fatt li tkun ittiehdet l-istqarrija meta l-attur kien ghadu qed jigi nvestigat, izda bil-fatt li fil-kors tal-prokediment fejn ikun gie akkuzat isir uzu mill-istqarrija kontra l-akkuzat.

Ghalhekk din il-Qorti tghid illi huwa nfondat l-argument tal-Avukat Generali illi l-Art 39 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli ghall-kaz taht ezami,

anke tenut kont ukoll tal-fatt illi fil-kaz tal-lum il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali qaghdet fuq l-istqarrijiet tar-rikorrent fl-ghoti tas-sentenza taghha.

## 2. L-Art 6 tal-Konvenzjoni

L-Art 6 jirrikjedi illi jkun hemm dritt ghall-assistenza ta` avukat bhala parti integrali mill-jedd ghal smigh xieraq. Fil-fatt ir-restrizzjonijiet li hemm fid-disposizzjoni huma l-eccezzjoni mhux ir-regola.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tad-decizjoni tal-ECHR ta` **Borg v Malta** (op. cit.) fejn kien dikjarat li d-dritt ta` l-applikant kien irrimedjabbilment ippregudikat meta hu rrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni metai ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet intuzaw kontra tieghu.

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta illi fil-kors tal-kawza istitwita kontra r-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali illi r-rikorrent ma kienx inghata l-opportunita` li jkellem avukat qabel ma ghamel iz-zewg stqarrijiet, ghaliex fiz-zmien tal-kaz il-ligi domestika taghna ma kenitx taghti dak id-dritt. Wara li ghamel l-ewwel stqarrija, ir-rikorrent kien rilaxxjat mill-Pulizija. Dwar it-tieni stqarrija, inghad illi din inghatat mir-rikorrent minn jeddu meta mar huwa stess biex jirrilaxxja t-tieni stqarrija

Minn esami tas-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, jirrizulta li dik il-Qorti qieset bhala ammissibbli z-zewg stqarrijiet u ghamlet uzu minnhom fis-sejbien tal-htija tar-rikorrent.

L-Avukat Generali jgib l-argument illi l-procediment tal-lum huwa ntempestiv ghaliex kienx hemm lezjoni jista` jigi determinat biss mit-totalita` tal-provi. Huwa biss wara l-gbir tal-provi kollha li jista` jigi determinat kienx hemm lezjoni inkella le.

L-Avukat Generali jsostni l-argument billi jirreferi ghas-sentenzi : QK - 13 ta` Marzu 2006 - **Busietta vs Avukat Generali** ; QK – 26 ta` April 2013 - **Il-Pulizija vs Dr Melvyn Mifsud** ; ECHR – 2 ta` April 2015 - **Dimech vs Malta** ; QK – 31 ta` Mejju 2013 - **Aquilina vs Onor Prim Ministru et.**

B`sostenn tal-gurisprudenza fuq citata, partikolarment is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza ta` **Malcolm Said** (op. cit.) din il-Qorti ma

taqbilx li hija marbuta illi taghti decizjoni biss fi tmiem il-proceduri jekk tali proceduri jistghu jigu ppregudikati b`lezjoni tad-drittijiet fondamentali tal-persuna. Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrent jinsab fis-sitwazzjoni fejn hemm decizjoni moghtija kontra tieghu fl-ewwel istanza, u l-appell tieghu huwa wieqaf jistenna l-esitu tal-procediment tal-lum.

Din il-Qorti tghid illi ghandha ssegwi dak li kien deciz fis-sentenza tal-ECHR fil-kawza **Borg vs Malta.**

Fil-kaz ta` **Dimech vs Malta** kien ritenut li l-process fl-intier tieghu kellu jitqies sabiex jigi deciz jekk kienx hemm smigh xieraq inkella le, u li per konsegwenza fejn il-process kriminali jkun ghadu mhux konkluz, il-Qorti trid tistenna li jintemm dak il-process biex imbaghad tqis kollox fl-intier halli tevalwa jekk kienx hemm smigh xieraq. Madanakollu, fil-kaz ta` **Dimech vs Malta** il-guri ma kienx ghadu beda fis-sens li kollox kien jinsab differit sakemm tigi deciza l-kwistjoni tal-istqarrijiet.

Fil-kaz tal-lum diga` hemm sentenza fl-ewwel istanza fejn ir-rikorrent instab hati u kkundannat. Fl-istadju tat-tieni istanza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, fejn il-provi jkunu traskritti, kif kien il-kaz tar-rikorrent, ma jergax isir smigh ta` dawk il-provi mill-gdid jew smigh ta` provi godda. Ghalhekk is-sitwazzjoni tar-rikorrent hija kemmxejn diversa minn dik li kienet fil-kaz ta` **Dimech vs Malta.**

Il-Qorti Kostituzzjonali ghandha s-setgha li taghti rimedju fejn issib li disposizzjoni li thares dritt fondamentali mhux biss “qeghda tigi” izda wkoll meta “tkun x` aktar sejra tigi miksura”. Dan huwa in linea ma` dak li kien deciz fil-kaz ta` **Malcolm Said** (op. cit.) Ghalhekk meta jsir uzu minn stqarrija li tkun ittiehdet minghajr ma` min jaghmilha jkollu l-ghajnuna ta` avukat, dan ikun jikkostitwixxi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, u ghalhekk “x`aktarx” illi d-dritt ghal smigh xieraq jinkiser jekk jithalla li jsir uzu mill-istqarrija. Iktar u iktar ghandu japplika dan il-principju fejn diga` nghatat decizjoni kontra ir-rikorrent bl-uzu ta` dawk l-istqarrijiet.

Il-Qorti sejra taddotta l-principju adottati fil-kaz **Borg vs Malta** fejn inghad kjarament illi kull stqarrija li ssir minghajr assistenza legali, salv ghal kazi eccezzjonali jkun hemm lezjoni tal-Art 6.

Huwa evidenti illi kif l-istqarrijiet tar-rikorrent kienu meqjusa mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Gudikatura Kriminali, daqstant iehor sejrin

ikomplu jikkostitwixxu prova quddiem il-qorti ta` revizjoni u cioe` il-Qorti ta` l-Appell Kriminali, dment illi ma tipprovdix xort`ohra din il-Qorti.

L-Avukat Generali ghamel referenza ghas-sentenza fil-kawza "**Stephen Nana Owusu vs L-Avukat Generali**" li kienet moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta` Mejju 2016.

Isostni illi f`dak il-kaz, kien inghad illi jista` jkun hemm *compelling reasons* ghala f`kaz partikolari persuna tista` tigi nterrogata qabel ma tkun thalliet tiehu l-parir ta` l-avukat taghha.

Din il-Qorti ma taqbilx li fil-kaz tal-lum, tressqux provi li juru li kien hemm xi ragunijiet impellenti sabiex dan id-dritt jigi ristrett.

Fil-kaz citat mill-Avukat Generali, Stephen Nana Owusu kien inqabad fl-ajruport b`74 kapsola ta` eroina ingerita minnu ; ghalhekk id-decizjoni tal-pulizija li tinterrogah qabel ma jithalla jikkomunika ma` haddiehor sabiex possibbilment jinqabad il-komplici kienet raguni legittima ghal restrizzjoni ta` dan id-dritt.

Fil-kaz odjern, ma nstabet l-ebda droga fuq il-persuna tar-rikorrent. Kien prezenti fis-sit fejn saret l-ispezzjoni mill-Pulizija u nstabet xi droga.

Ghal din il-Qorti, ic-cirkostanzi kif sehhew fil-kaz tal-lum ma jammontawx ghal *compelling reasons* li jiddettaw restrizzjoni tal-jedd ghall-assistenza ta` avukat.

L-intimat jirreferi wkoll ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta` Mejju 2016 fil-kawza "**Elvin Grech vs Avukat Generali**".

Din il-Qorti rat id-decizjoni u l-fatti ta` dak il-kaz.

Issib li hemm irrizulta li r-rikorrent kien kellem mhux avukat wiehed izda tnejn qabel ma ghamel l-ewwel stqarrija u bejn stqarrija u ohra.

Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrent ma kellem lil ebda avukat meta ta l-ewwel stqarrija tieghu.

Lanqas ma tressqu provi li kellem avukat qabel irrilaxxja t-tieni stqarrija.

Huwa minnu li t-tieni stqarrija jidher li nghatat wara li r-rikorrent stess rega` mar ghand il-Pulizija, izda jibqa` l-fatt li fl-ebda hin ma nghata l-fakolta` li jiehu parir ta` l-avukat qabel ighid dak li kellu jghid lill-Pulizija.

**Ghal din il-Qorti kienet ippruvata lezjoni tad-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq kif imhares bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni, u l-Art 6(1)(3)(c) tal-Konvenzjoni.**

**3. <u>L-Art 34 tal-Kostituzzjoni u l-Art 5 tal-Konvenzjoni</u>**

Dawn id-disposizzjonijiet jittrattaw il-harsien li ghandu jedd ghalih persuna minn detenzjoni jew arrest arbitrarju.

L-arrest jew detenzjoni hija permessa biss kif determinat fiz-zewg disposizzjonijiet.

Fil-kaz tal-lum id-dikjarazzjoni ta` lezjoni skont dawn iz-zewg disposizzjonijiet mhijiex qeghda issir abbazi tas-sentenza moghtija fis-17 ta` Frar 2014 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali.

Kuntrarjament ghal dak li qed jinghad fin-nota ta` osservazzjonijiet tar-rikorrent, it-talba ghal dikjarazzjoni ta` ksur skont iz-zewg disposizzjonijiet saret fir-rigward ta` l-istqarrijiet li ttiehdu mill-Pulizija.

Ghalhekk tenut kont ta` kif kienet ifformulata l-ewwel talba, ma hemmx lezjoni taz-zewg disposizzjonijiet.

In parentesi tajjeb jinghad ukoll illi l-procediment kriminali kontra r-rikorrent huwa pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Huwa kiseb is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-Ewwel Qorti. Fil-fatt mhuwiex jinzamm arrestat.

**Ghalhekk il-Qorti sejra tichad l-ewwel talba safejn din tirrigwarda allegata lezjoni tal-Art 34 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 5 tal-Konvenzjoni.**

## V. It-tieni talba

It-tieni talba hija ghal dikjarazzjoni li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali tas-17 ta` Frar 2014 hija llegali u nulla stante li bbazata unikament fuq stqarrijiet li ttiehdu bi ksur tal-jedd fondamentali tar-rikorrent kif tutelat bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Art 6 tal-Konvenzjoni.

Riferibbilment ghal-lezjoni li sabet tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 6 tal-Konvenzjoni skont l-ewwel talba, il-Qorti trid tevalwa jekk il-lezjoni testendix ukoll ghall-procediment li kien deciz fl-ewwel istanza bis-sentenza tas-17 ta` Frar 2014 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali.

Il-Qorti rat il-provi u s-sentenza fil-kaz kriminali in kwistjoni.

Jirrizulta li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali qaghdet ghal kollox fuq l-istqarrijiet tar-rikorrent sabiex waslet ghad-decizjoni taghha.

Fis-sentenza taghha l-Qorti ghamlitha cara illi "*ma ngabet l-ebda prova ohra da parti tal-Prosekuzzjoni apparti l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat.*"

Il-Qorti kompliet taghmel referenza ghall-kontenut ta` l-istqarrijiet u kkonkludiet li li dawn l-istqarrijiet ghandhom jittiehdu bhala ammissjoni da parti tal-imputat fir-rigward ta` tlett imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Jidher li ghalhekk is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali qaghdet ghal kollox fuq dawk l-istqarrijiet sabiex issib lir-rikorrent hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Din il-Qorti sejra tordna t-tnehhija ta` dawk iz-zewg stqarrijiet billi ma jikkostitwux prova ammissibbli ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ladarba s-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali kienet fondata ghal kollox fuq is-sejbien ta` htija tar-rikorrent u relattiva kundanna tieghu fuq iz-zewg stqarrijiet tar-rikorrent li, fil-fehma tal-Qorti, ttiehdu bi ksur tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 6 tal-Konvenzjoni, allura l-istess sentenza ghandha tkun dikjarata nulla anke jekk il-kaz kontra r-rikorrent ghadu pendenti fl-appell.

## VI. It-tielet talba

Il-Qorti tirreferi ghad-decizjoni tal-ECHR tal-11 ta` Dicembru 2008 fil-kaz ta` **Panovits vs Cyprus** fejn inghad :-

> *It reiterates that when an applicant has been convicted despite an infringement of his rights as guaranteed by Article 6 of the Convention, he should, as far as possible, be put in the position that he would have been in, had the requirements of that provision not been disregarded, and that the most appropriate form of redress would, in principle, be trial de novo or the reopening of the proceedings.*

Fil-kaz tal-lum, il-Qorti sejra taghti dawn l-ordnijiet :-

i) it-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali tas-17 ta` Frar 2014.

ii) iz-zewg stqarrijiet moghtija mir-rikorrent ma jistghux jintuzaw bhala prova kontra r-rikorrent, u ghalhekk tordna t-tnehhija taghhom mill-atti tal-procediment kriminali kontra r-rikorrent.

iii) it-twaqqif tal-procediment kontra r-rikorrent quddiem il-Qorti ta` l-Appell Kriminali.

iv) tibghat li l-atti tal-procediment kontra r-rikorrent lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex, wara li jqieghed fl-atti kopja ta` s-sentenza tal-lum, jassenja l-kawza lil gudikant iehor sedenti fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali sabiex il-process penali kontra r-rikorrent jibda mill-gdid.

## VII. Ir-raba` u l-hames talbiet

Ghalkemm il-Qorti tat rimedji ohra, jidhrilha li r-rikorrent ghandu jinghata kumpens ghall-vjolazzjoni riskontrata fl-ammont ta` elf Ewro (€1,000).

## Decide

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet billi qeghda taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Tilqa` l-ewwel talba limitatament billi tiddikjara illi l-istqarrijiet tar-rikorrent illi ttiehdu mill-Pulizija fit-13 ta` Frar 2004 u fl-24 ta` Frar 2004, u sussegwentement esebiti fil-proceduri kriminali istitwiti kontra tieghu, ittiehdu u gew esebiti bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, kif imharsa bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u bl-Art 6(1) u 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.**

**Tilqa` t-tieni talba kif dedotta.**

**Tilqa` t-tielet talba billi :-**

**(a) Tordna t-thassir tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fis-17 ta` Frar 2014 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Dominic Camilleri".**

**(b) Tordna illi z-zewg stqarrijiet moghtija mir-rikorrent lill-Pulizija fit-13 ta` Frar 2004 u fl-24 ta` Frar 2004 ma jistghux jintuzaw bhala prova kontra r-rikorrent fi procediment kriminali kontra tieghu ; ghalhekk tordna t-tnehhija taghhom mill-atti tal-procediment kriminali pendenti kontra r-rikorrent.**

**(c) Tordna li tieqaf il-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Dominic Camilleri" li tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.**

**(d) Tordna illi l-atti tal-procediment kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Dominic Camilleri" jintbaghtu lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex, wara li dan iqieghed fl-atti kopja ta` s-sentenza tal-lum, jassenja l-kawza lil gudikant iehor sedenti fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali sabiex il-procediment penali kontra r-rikorrent jibda mill-gdid.**

**Tilqa` r-raba` talba billi tillikwida favur ir-rikorrent kumpens fl-ammont ta` elf Ewro (€1,000).**

**Tilqa` l-hames talba billi tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrent il-kumpens hekk likwidat.**

**Tordna li l-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**